**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Ph.D.**

**Appell Nru: 432/2022**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Ryan John Farrugia**

**Illum, 5 ta' Settembru 2024**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant, **Ryan John Farrugia** detenur tal-karta tal-identita Maltija, **554280M** akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

1. Nhar it-18 ta' Ottubru tas-sena 2021 ghall-ħabta tal-15:50hrs f'Bormla huwa ngurja, hedded jew għamel offiża fuq il-persuni ta' PC112 Joshua James Grixti u PC1456 Omar Sharif, persuni nkarigati skond il-liġi minn servizz pubbliku waqt illi kienu qegħdin jagħmlu jew minħabba illi kienu qegħdin jagħmlu dan is-servizz jew bil-ħsieb illi jbeżża jew illi jinfluwixxi fuqhom, kontra I-liġi fl-eżekuzzjoni ta' dak is-servizz, u dan bi ksur tal-artikolu 95 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. Fl-istess data u hin attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta ohra illi ma titqiesx vjolenza pubblika kontra persuna nkarigata skont il-liġi minn servizz pubbliku u čioe' PC112 Joshua James Grixti u PC1456 Omar Sharif filwaqt illi kienu qegħdin jagixxu għall-eżekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni mogħtija skont il-ligi mill-awtorita' kompetenti, u dan bi ksur tal-artikolu 96 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Talli fl-istess data u hin ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorita' jew ta' wiehed illi jkun inkarigat minn servizz pubbliku jew ma halliex jew fixkel waqt illi kienu qegħdin jagħmlu d- dmirijiet tagħhom, jew b'xi mod ieħor, bla jedd, indahal fi dmirhom, billi ma halliex lil PC112 Joshua James Grixti u PC1456 Omar Sharif jagħmlu dak ilil bliġi kienu ordnati jew setghu ghamlu, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak illi PC112 u PC1456 kienu qegħdin jagħmlu skont Il-ligi, jew b'xi mod lehor illi jkun, u dan bi ksur tal-artikolu 338(ee) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

4. Talli fl-istess data u hin naqas illi jieqaf wara illi seħħ xi incident illi jkun jinvolvi offiża fuq persuna ohra jew tiġi kaĝunata ħsara lil xi vettura, annimal jew propjeta' ohra, u naqas illi jaghti l-isem u l-indirizz tiegħu, l-isem u l-indirizz tas-sid tal-vettura bil-mutur, id-dettalji tal- assiguratur tal-vettura kif ukoll il-marka jew numru tar-reġistrazzjoni tal-vettura, u dan bi ksur tar-regolament 67(1) tal-Liġi Sussidjarja 65.11 tal-Liġijiet ta' Malta.

5. Talli fl-istess data u hin saq il-vettura tal-għamla BMW bin-numru ta' reġistrazzjoni JBT917 b'manjiera perikoluża, u dan bi ksur tal-artikolu 15(1)(a) tal-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta.

6. Talli fl-istess data u hin saq jew ipprova jsuq jew kellu I-kontroll ta' vettura bil-mutur jew vettura ohra illi tkun fit-triq jew f'post pubbliku ieħor meta ma kienx f'kundizzjoni illi jsuq minħabba xorb jew drogi, u dan bi ksur tal-artikolu 15A(1) tal-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta.

7. Talli fl-istess data u hin saq jew ipprova jsuq jew kien fil-kontroll ta' vettura bil-mutur jew vettura oħra fit-triq jew f'post pubbliku ieħor wara illi kien ikkunsma tant alkohol illi I- proporzjon tiegħu fin-nifs, fid-demm jew fl-urina kien iżjed mil-limitu preskritt, u dan bi ksur tal-artikolu 15B (1) tal - Kap 65 tal-Liġijiet ta' Malta.

8. Li aktar talli sar recediv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ( Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' 6 ta' Ottubru 2022, Wara li rat l-artikoli 15A(1) u 158(1) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-appellant hati tal-ewwel imputazzjoni, tat-tielet imputazzjon, tas-sitt imputazzjoni, tas-seba' imputazzjoni, kif ukoll tat-tmien imputazzjoni, u kkundannatu għal xahar (1) prigunerija sospiż għal sena u għall-ħlas ta' multa ta' elfejn u hames mitt ewro (€2500). B'jieda mal-piena l-Qorti skwalifikat lill-appellant milli jkollu jew milli jottjeni xi liċenzja tas-sewqan ghall-perjodu ta' sitt (6) xhur ai termini tal-artikolu 15H (2) tal-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta. Filwaqt li ma sabitux hati tat-tieni u tar-raba akkuzi u illiberatu minnhom.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant **Ryan John Farrugia** , preżentat fir-reġistru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar fit 24 ta Ottubru 2022, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata u dana billi;

Tirriforma s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-6 ta' Ottubru 2022 in kwantu tikkonfermaha fejn sabitu hati tat-tielet u t-tmien imputazzjoni, u mhux hati tat-tieni, tar-raba' u tal-hames imputazzjoni, u tikknacellaha kwantu ghall-ewwel imputazzjoni, ghas-sitta u ghas-seba' imputazzjoni, u konsegwentement tilliberah minnhom.

**L-aggravji huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:**

**<u>L-EWWEL AGGRAVJU</u>**

**NUQQAS GRAVI TA' FATTI LI JWASSLU B'MOD UNIVOKU GHAR-REAT ADDEBITAT LILL- APPELLANT FIR-RIGWARD TAS-SEBA' IMPUTAZZIONI**

Illi inter alia l-appellant instab hati quddiem I-Ewwel Qorti ta' ksur tal-artikoli 15A(1) u 15B(1) tal- Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll bi ksur tal-artikolu 95 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u ġie applikat kontrih l-artikolu 15H(2) tal-Kap. 65 tal-liġijiet ta' Malta, u dan kollu fin-nuqqas ta' provi illi huma moralment kunvinċenti lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni.

A. Illi fl-ewwel lok, nonostante illi ħtija taħt l-artikolu 15A(1) u 158(1) tal-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta tista' potenzjalment iggib magħha l-konsegwenzi stipolati fl-artikolu 15H(1) u fl-artikolu 15H(2) tal-istess +Kapitolu, il-prosekuzzjoni ma għamlet l-ebda talba espressa fl-att ta' akkuża kontra l-appellant sabiex jiġu applikati d-dispożizzjonijiet kollha, jew xi wħud minnhom, tal-artikolu 15H tal-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta. Għalhekk, Il-Qorti tal-Ewwel Istanza żbaljat meta sabet htija dwar l-artikolu 15H(2) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta fir-rigward tal-piena illi ġiet mogħtija lill-appellant.

Fil-fatt, fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija (Spettur Leeroy Balzan Engerer) vs Gerrit Van Der Veen</u>**, deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fit-23 ta' Settembru tas-sena 2021, I-applikazzjoni tal-artikolu 15H tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta gie mitlub espressament fin-nota preżentata mill-Avukat Ġenerali:

> "*Rat in-nata tal-Avukat Generali tat-14 ta' Ottubru 20202 fejn, ghall-finijiet tal-Artikolu 370(3)(a) tal-Kadici Kriminali, indika l-artikali tal-ligi li abbazi taghhom, hemm mahsub li tista' tinstab htija, u cioe': Fl-Artikolu 225(1) tal- Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Fl-Artikoli 15A, 15H u 151 tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku, Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta; FI-Artikoli 17, 31 u 533 tal-Kodici Kriminal), Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;"*

Di piu', fis-sentenza fi-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Sergio Pisani) vs Anthony Borg,** deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fid-19 ta' Novembru 2015, il-Qorti ġiet espressament mitluba mill-prosekuzzjoni tagħmel is-segwenti:

*"Il-Qorti hija mitluba li f'kaz ta' htija tapplika I-provvedimenti tal-artikolu 15H tal-Kapitlu 65 tal-Ligijiet ta' Malta tiskwalifika lill-hati milli jkollu jew jottjeni xi licenza tas-sewqan."*

Fis-sentenza suċċitata I-Qorti applikat d-dispożiżżjoni tal-artikolu 15H tal-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta mhux biss għaliex sabet lill-imputat hati tal-artikoli 15A u 15B tal-imsemmi Kapitolu, iżda wara li rat illi l-prosekuzzjoni għamlet talba espressa sabiex jiġi applikat l-artikolu 15H f'każ ta' ħtija taħt l-artikoli 15A u 158 tal-istess Kapitolu.

L-istess proċedura ġiet segwita fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Caruana,** deċiża mill- Qorti tal-Appell Kriminall fit-22 ta' Ġunju 2015 fejn:

*Il-prosekuzzjoni talbet li jigu applikati l-provvedimenti ta' l-artikolu 15H tal-Kap. 65 u li jigi skwalifikat mil-licenzji tas-sewqan ghal perijodu ta' mhux anqas minn sitt xhur;"*

Konsegwentement, l-appellant fil-każ in diżamina ġie skwalifikat milli jkollu jew jottjení xi ličenzja tas-sewqan ai termini tal-artikolu 15H(2) tal-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta b'mod erronju għaliex minkejja l-pożizzjoni kostanta tal-ġurisprudenza nostrana f'dan ir-rigward u l-fatt illi prosekuzzjoni ma ghamlet ebda talba espressa sabiex jiġi applikat I-artikolu in kwistjoni f'każ illi tinstab ħtija taħt l-artikoli 15A u 15B

tal-istess Kapitolu, I-Ewwel Qorti applikat I-artikolu 15H(2) tal- Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta minn rajha u mingħajr ma provdiet raguni/jiet dwar din l-applikazzjoni. Di piu' l-ebda parti tal-artikoli 15A u 158 tal-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta ma tistabilixi diskrezzjoni da parti tal-Qorti fir-rigward tal-applikazzjoni tal-artikolu 15H tal-istess Kapitolu f'każ illi tinstab ħtija taħt l-artikoli 15A u 158, tant illi l-artikolu 15H jew saħansitra l-applikazzjoni tiegħu ma jissemmew bl-ebda mod fil-lingwaġġ użat mil-legislatur fl-artikoli 15A u 158 tal-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta.

Anke jekk <u>għas-sahha tal-argument u għas-saħħa tal-argument biss</u>, I-Ewwel Qorti setgħet timponi plena al termini ta' artikolu illi ma giex identifikat b'mod espress fl-att ta' akkuża uffiċjali tal- prosekuzzjoni, id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 15H tal-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta xorta wahda ma kellhomx jiġu applikati fil-każ de quo minħabba n-nuqqas ta' evidenza ulterjuri minn dik tar-riżultat xjentifiku ottjenut permezz tal-breathalyser test sabiex tinstab ħtija taħt l-artikolu 15A tal- imsemmi Kapitolu u dan għaliex is-subinċiz wieħed (1) tal-artikolu 15H tal-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta jistipola s-segwenti:

> "*(1) Kull persuna li tikser xi dispożizzjonijiet tal-artikoli 15A u 158 tkun hatja ta' reat u meta tinsab hatja ta' reat bhal dak jew ta' reat taht l- artikolu 15E(4) tehel -*"

L-użu tal-kongunzjoni "u" fl-artikolu suċċitat jindika illi l-liġi nostrana tirrikjedi illi l-prosekuzzjoni tipprova l-akkużi taħt l-artikolu 15A u 15B tal-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta b'mod kumulattiv u mhux alternattiv sabiex tissussisti piena ai termini tal-artikolu 15H tal-istess Kapitolu. Kif se jigi spjegat iktar l-isfel, fil-każ in diżamina ma kellhiex tinstab ħtija al termini tal-artikoli 15A tal-Kap. 65 tal- Liġijiet ta' Malta, iżda potenzjalment ai termini tal-artikolu 15B biss ta' dan il-Kapitolu. Konsegwentement, dan il-fatt ukoll jirrendi l-applikazzjoni tal-artikolu 15H tal-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta fil-każ de quo bħala applikazzjoni erronja u waħda mhux f'lokha.

B. Illi fit-tieni lok, ir-rapport tal-inċident illi ġie mħejji minn PS133 ma joffrix biżżejjed dettall u sahansitra jidentifika nuqqasijiet da parti tal-prosekuzzjoni.

L-artikolu 39(6)(a) tal-Kostituzzjoni jistipola illi:

> "*(6) Kull min ikun akkużat b'reat kriminall-*
>
> *(a) għandu jiġi nformat bil-miktub, b'ilsien li huwa jifhem u bid-dettalji, dwar ix-xorta tar-reat li bih ikun akkużat*"

Ir-rapport tal-inċident imħejji minn PS 133 jindika II "I-pulizija regghet infurmatu bir-raguni ta' l- arrest tieghu", iżda l-istess rapport ma jispjegax b'mod dettaljat x'kienet din ir-raġuni. Apparti minn hekk, minkejja l-użu tal-kelma "regghet" fis-sentenza kwotata mir-rapport tal-inċident, ma hemm xejn f'xi parti oħra tal-istess rapport illi tindika li l-appellant tassew kienet nghatatlu l- informazzjoni kollha meħtieġa dwar ir-reat illi allegatament kien hati tiegħu qabel ma ttieħed I- ghassa, u cioe' wieħed mill-erba' prinċipji kardinali ta' suspettat. Infatti, inter alia, ir-rapport ma jindikax illi l-appellant kienet ngħatatlu xi informazzjoni dwar il-fatt illi l-lingwaġġ li uża fil-konfront tal-pulizija kien jikkostitwixxi reat, anzi l-istess rapport pjuttost bilkemm jagħmel referenza għall- ksur tal-artikolu 95 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

F'dan ir-rigward l-appellant jagħmel referenza ghall-artikolu 28 tad-<u>Direttiva 2012/13/UE tal- Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2022 dwar id-dritt għall-informazzjoni fi</u> proċeduri kriminali ukoll jenfasizza jistipola illi:

> <u>***"L-informazzjoni provduta lis-suspettati jew lill-persuni akkużati dwar ir-reat kriminali li huma jkunu ssuspettati jew akkużati li kkommettew għandha tingħata fil-pront, u mhux aktar tard minn qabel l-ewwel intervista uffiċjali tagħhom mill-pulizija jew awtorità kompetenti ohra, u mingħajr ma jippreġudika I-kors tal-investigazzjonijiet li jkunu għaddejjin***</u>***.***

> *Deskrizzjoni tal- fatti, inkluż, fejn magh-rufa, il-ħin u l-post, relatati mal-att kriminali li l-persuni jkunu ssuspettati jew akkużati li wettqu, u l-klassifikazz-jani legali possibbli tal- allegat reat* ***<u>għandhom jingħataw f'dettall suffiċjenti,</u>*** *filwaqt li jittieħed f'konsiderazzjoni l-istadju tal-proċeduri kriminali meta tingħata tali deskrizz- joni, sabiex tiġi ssalvagwardjata l-korrettezza tal-proċeduri u sabiex jiġi permess l-eżerċizzju effikaċi tad-drittijiet tad-difiża.*

Fil-fatt meta PC112 u PC1456 kienu fuq il-post jispjegaw lill-appellant għalxiex kienu waqqfuh huma qalulu illi għamlu hekk minħabba illi l-vettura tiegħu ma kinitx f'kundizzjoni illi tinstaq fit-triq, u dan kif jirriżulta mill-bodycams footage illi ntwera quddiem I-Ewwel Qorti. Di piu', fl-istess bodycam footage jinstemgħu jallegaw illi l-appellant "<u>Ma' tabella habat</u>" (**vide bodycam footage, 00:10:04**), nonostante l-pulizija akkużat lill-appellant talli habat ma' bollard. Barra minn hekk, meta PC112 ittanta jispjega lill-appellant illi huwa kien ħabat ma' tabella u li tali tabella hija propjeta' tal-gvern, PC1456 waqqfu immedjatament milli jkompli jispjegalu x'għamel ħażin u qal lill-kollega tiegħu (PC112) b'ton baxx "issa jgħidulu tad-distrett, <u>toqgħodx tgħidlu hekk</u>" (**vide bodycam footage, 00:10:11-00:10:19)**. Saħansitra anke wara illi kien għadda ftit iktar hin, il-pulizija xorta waħda ma tawx lill-appellant informazzjoni iktar cara u dettaljati kif inhu misthong, anzi qalulu "inti hbatt go <u>xi haga</u>" (**vide bodycam footage, 00:28:22-00:28:26**). Meta l-pulizija twaqqaf suspettat ghandha tkun taf ghal liema raguni/ijiet hija waqqfitu u għandha tkun kapaċi tispjegahom lil dak is-suspettat b'dettall suffiċjenti, kif spjegat fid-Direttiva suċċitata. Tant kemm il-pożizzjoni tal-pulizija rigward ir-raġuni tal-arrest ma kinitx wahda čara illi langas biss qalulu li kien se jiġi akkużat bl-offiża kkontemplata fl-artikolu 95 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, nonostante waħda mill-imputazzjonijiet fl-att ta' akkuża kienet tikkoncerna din l-offiża. Pero PC1456 jinstema' jispjegalu s-segwenti biss bhala raġunijiet għall-arrest tieghu: "Gejt irrekordjat tintalab iċ-ċavetta u d-dettalji u tikkooperax u <u>għalhekk gejt arrestat</u> u bdejt tipprova żżomm il-forza fil-karozza" (**vide bodycam ma footage, 00:25:58-00:26:04**). Għaldaqstant, l-appellant ġie mċaħħad minn spjegazzjoni dettaljata u nformattiva dwar ir-raġuni veritiera ta' għalfejn kien ġie mwaqqaf u arrestat mill-

pulizija. Kieku I-pulizija tassew hassewhom ingurjati b'xi kliem dispreġjattiv illi ntqal mill-appellant fil-konfront tagħhom, certament illi kienu jinfurmaw lill-appellant dwar dan għaliex l-unika fraži ili qal l-appellant u li b'xi mod tista' titqies dispreġġjativa ntqalet ferm qabel dan il-mument fil-bodycam footage u kienet il-fraži "a liba", kelma wahda biss illi ntqalet frott l-uġigħ u l-biża' II hass l-appellant meta l-pulizija tefgħuh mal-art u żammewh maghfus 'I isfel b'irkuptejhom. Infatti, tant kemm kien imbeżża' u f'pożizzjoni vulnerabbli l-appellant għamel tahtu u xorta wahdu baqgħu jżommuh maghfus b'wiċċu mal-bankina (**vide bodycam footage, 00:20:04).** L-appellant kien diga nfurmahom illi kien qiegħed jieħu xi mediċina u li kien għadu hiereg minn l-isptar, iżda l-pulizija xorta wahda mxiet miegħu b'dan il-mod inuman u aggressiv, inkluż fit-ton tagħhom fil-konfront tal-appellant, illi uża ton kalm u normali matul l-episodju kallu. Nonostante illi l-appellant kien kalm u ma kien vjolenti bl-ebda mod mal-pulizija, huwa xorta waħda talabhom skuża minn jeddu (**vide bodycam footage, 00:31:21-00:31:34**). Min-naħa l-oħra l-pulizija użaw lingwaġġ bhal "ahjar joħroġ 'il barra għax jaqbillu joħroġ  il-barra" meta kienu qegħdin jitkellmu mas-siehba tal- appellant u jippruvaw johorguh mill-vettura (**vide bodycam footage, 00:18:50-00:18:54**). Barra minn hekk, meta l-appellant talab bil-kalma kollha lil PC1456 ma jgħajjatx miegħu biex ikellmu, PC1456 wieġbu: "le le ngħajjat ghax qed tparla fil-vojt" (**vide bodycam footage, 00:13:33- 00:13:40**), iżda l-appellant ma kienx qiegħed iparla fil-vojt f'dak il-mument għaliex sempliċiment talbu bil-prudenza kollha biex ma jgħajjatx miegħu.

Di piu', lanqas id-drittijiet illi kellu l-appellant bħala suspettat ma ġew spjegati lilu b'mod shih u dettaljat, tant li PC1456 jinstema' jgħid "Ghandu dritt għall-avukat, għandu dritt għall-medical aid, issa jiġi nfurmat bid-drittijiet tiegħu mill-pulizjia tal-għassa" (**vide bodycam footage, 00:22:08- 00:22:15**).

Għaldaqstant, mis-suċċitat ma jirrizultax illi l-pulizija għamlu xogħolhom b'mod effettiv u bl- attenzjoni misthoqqa lejn il-liġijiet applikabbli għal pajjiżna li jitrattaw dwar id-drittijiet illi għandu suspettat.

C. Illi fit-tielet lok, fil-każ in diżamina l-prosekuzzjoni ma ressqet ebda tip ta' prova oħra illi tista' lil hinn minn kull dubju ragonevoll li nhar it-18 ta' Ottubru tas-sena 2021 1-appellant kien qiegħed isuq il-vettura tiegħu bi ksur tal-artikolu 15A(1) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta u čine:

> "*(1) Ebda persuna ma għandha ssuq jew tipprova ssuq jew ikollha 1-kontroll ta' vettura bil-mutur jew vettura oħra li tkun fit-triq jew f'post pubbliku lehor* ***jekk ma tkunx f'kundizzjoni li ssuq minhabba xorb jew drogi.***"

Fil-prečitata sentenza fi-ismijiet **II-Pulizija (Spettur Leeroy Balzan Engerer) vs Gerrit Van Der Veen**, il-Qorti irrilevat ukoll illi fir-rigward tal-artikolu 15A tal-Kap. 65 tal-Liğijiet ta' Malta:

> "*Dan ifisser illi* ***m'huwiex bizzejjed ghall-Prosekuzzjoni li tipproduci rízultat pożittiv ta' test jkun analizza kampjun tan-nifs moghti mill-imputat u II juri li l-imputat ikkonsma tant alkohol li jeċċedi l-limitu preskritt mil-liġi.*** *Filwaqt li dan ir-riżultat waħdu huwa biżżejjed biex jissodisfa l-elementi tar- reat taht l-Artikolu 15B,* ***ghas-seibien ta' ħtija għar-reat taht I-Artikolu 15A tal-Kap. 65 jeħtieġ li jiġi ppruvat ukoll sol-grad rikjest fil-kamp kriminali, Illi l-Imputat ma kienx effettivament f'kundizzjoni Il jsuq vettura minhabba li kkonsma xarb alkoholiku (jew drogi).*** *Wara kollox, kif inhu risaput,* ***l-effetti tal-konsum ta' alkohol, anke fi kwantitajiet indags. ivarjaw skont il-kostituzzjoni u karatteristici ohrajn sija fiżiċi, emottivi kif ukoll psikologici ta' kull individwu.***
>
> *[...]*
>
> *Iżda l-Qorti tąis illi l-fatt ut sic li l-alkahol li kien xorab l-imputat lejliet 1- incident kien għadu prezenti fin-nifs tieghu f'proporzjon li jeċċedi I-*

*limiti preskritt mil-liġi fil-hin meta kien qed isuq il-jet ski u meta sehh is-sinistru,* ***ma jfissirx neċessarjament li l-imputat ma kienx f'kundizzjoni li jsuq il-jet ski minħabba konsum eċċess tal-alkohol****, kif wara kollox jehtieg II jigi ppruvat ghall-fini tar-reat taht I-Artikolu 15A tal-Kap. 65...il-Qorti hi tal- fehma illi* ***r-reat addebitat fit-tieni imputazzjoni jeħtieġ l-adduzzjoni ta' provi ulterjuri II juru pozittivament li l-kwantita tal-alkohol prezenti fin- nifs tal-imputat in eċċess tal-limitu preskritt mil-ligi, effettivament naqqset il-kapaċita tieghu li jsuq il-jet ski."***

L-unika prova illi ressqet il-prosekuzzjoni fir-rigward ta' konsum ta' xorb jew drogi kien il-**breathalyser test** illi sar lill-appellant fuq il-post dakinhar illi twaqqad minn PC1456 u PC112, liema **breathalyser test** iwassal biss għall-prova tal-akkuża miġjuba kontra l-appellant ai termini tal-artikolu 158(1) tal-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta u mhux dik migjuba al termini tal-artikolu 15A(1) tal-istess Kapitolu.

Dan I-insenjament gle kkonfermat, inter alla, fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Rodney Testa**, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminall (Sede Inferjuri) fil-5 ta' April 2022, fejn din il-Qorti sostniet is- segwenti:

*"Minnufih jiġi rrilevat li għalkemm din id-dispożizzjoni tal-Liġi tagħmel referenza għal sewqan taħt l-effett tax-xorb (jew drogi),* ***<u>hawnhekk il- Legislatur ma rabatx is-sejblen ta' ħtija esklussivament mal-fatt ippruvat lis-sewwieq ikun ingabad isuq b'kwantita ta' alkohol fin-nifs xientifikament imkejla Il tkun qabżet il-limiti preskritti mil-Liġi. Dak huwa r-reat li jipotizza l-Artikolu 15B tal-Kapitolu 65 u mhux ukoll l-Artikolu 15A tal-istess.</u>*** *U r-raġuni wara din id-distinzjoni hija tali li tippermetti allura sejbien ta' ħtija taħt l-Artikolu 15A tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta anki f'xenarju fejn mic-cirkostanzi ikun jista' jiġi indubbjament deżunt li s- sewwieq ikun qiegħed jimmanuvra l-vettura tiegħu meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minħabba l-konsum*

*ta' xorb alkaliku jew drogi. Bhala ċirkastanzi jista' jkun hemm xenarju ta' sewqan spavald jew nieqes ghal kollox minn dik Il-prudenza rikjesta minn persuna ta' sagačja ordinarja fl- istess sitwazzjoni, jew inkella jkun hemm ukoll incident li minn valutazzjoni tad-dinamika u minn ġbir ta' provi jkun jirriżulta li jkun ĝie kkawżat mill- ġudikabbli u addirittura jkun ġie rraportat mill-Pulizija li jkun investiga 1- incident u/jew anki minn xi xhieda okulari, li l-ġudikabbli deher miexi imxengel jew inħass li kellu riha ta' xorb ħierġa minn nifsejh."*

Nonostante s-suċċitat insenjament kostanti tal-ġurisprudenza nostrana, I-Ewwel Qorti fil-każ de quo dddeċidiet is-segwenti:

*"Il-Qorti pero' hija tal-fehma illi jirriżultaw **is-sitt u s-seba' imputazzjoni** peress li wara li sar it-test tal-breatylser irriżulta li l-imputat kellu ammont ta' alkohol li kien jissupera ħafna l-limitu preskritt mil-liği."*

Ghaldaqstant effettivament, I-Ewwel Qorti sabet lill-appellant hati kemm ta' ksur tal-artikolu 15A tal-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta (is-sitt imputazzjoni) abbażi tar-riżultat ottjenut permezz tal- breathalyser test biss. B'hekk I-Ewwel Qorti naqset milli ssegwi u tapplika l-***best evidence rule*** u ċioe' dik stipolata fl-artikolu 638(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta:

*"(1) Bhala regola, għandu jitqies li tinġieb il-prova l-aktar shiha u sodisfaċenti illi l-każ ikun jagħti, u li ma jitħalla barra ebda xhud li x-xiehda tiegħu tkun importanti."*

Fil-każ in kwistjoni certament ma gletx segwita u applikata s-suċċitata regola u dan peress l- Qorti sabet lill-appellant hati tas-sitt u s-seba' imputazzjonijiet abbażi tar-riżultat tal-breathalyser test biss, mentri l-appellant seta' jinstab hati ta' ksur tal-artikolu 15A(1) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta abbażi ta evidenza ulterjuri, u ċioe'

kwalunkwe evidenza oħra meqjusa valida mill- ġurisprudenza u l-liġi nostrani, liema evidenza ulterjuri ma għandhiex tikkonċerna r-riżultat ottjenut mill-breatholyser test.

L-importanza tal-***best evidence rule*** giet enfasizzata fis-sentenza fl-ismijiet **II-Pulizija vs Ryan Sultana**, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fis-26 ta' Mejju 2022, fejn l-istess Qorti għamlet referenza ghas-sentenza fi-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Spiteri** u saheqt is-segwenti:

> "*U huwa biss meta jkun hemm **id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, ¿joe d-dubļu li jibqa' jippersisti wara II sir stharria dettaljat u b'attenzjoni, b'diliĝenza u b'mod Imparzjali tal-provi u I-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża** li mbagħad, jekk jibqa' jippersisti dan id-dubju, jkun jista' jingħad li dak il-livell ta sikurezza, ossija sufficjenza probatarja lil hinn minn kull dubju dettat mir- raguni ma jkunx intlaħaq; u li allura bħala konsegwenza, il-Qorti ma tkunx tista' tiddikkjara lill-hati tal-akkużi miġjuba kontrih.*"

D. IIII fir-raba' lok, għalkemm PC112 u PC1456 İkkonfermaw id-dinamika tal-inċident waqt illi huma ddeponew quddiem I-Ewwel Qorti, mhux kulma ntqal matul ix-xhieda tagħhom huwa f'konkordanza perfetta ma' dak illi ntqal fir-rapport tal-inċident illi seħħ a tempo vergine minn PS133 Jean-Claude Mangion, liema uffiċjal ma kienx fuq il-post mill-bidu nett tal-inċident. Fil-fatt fir-rapport tal-inċident preparat minn l-istess P5133, huwa jindika s-segwenti fatti:

> "*Fil-prezenza ta' PC215 u PS 601, PS 133 informa lil Ryan li qed tinxtamm riha ta' alcohol gejja minnu u ghalhekk hemm bzonn isir breathalyser test.*"

Nonostante, l-istess rapport ma jindikax IIII PC112 u PC1456 xammew riha, ta' alkohol fuq il- persuna tal-appellant, iżda s-segwenti biss:

> "*PC 112 u PC 1456 innutaw li Ryan ma bedhiex ikun car fi kliemu u beda jkaxkar il-kliem u ghalhekk qajmilhom suspett li kien that l-effett ta' alcohol jew drogi.*"

Madanakollu l-istess PC 112 xehed is-segwenti quddiem l-Ewwel Qorti, liema fatti ġew ikkonfermati minn PC 1456 ukoll waqt illi kien qiegħed jagħti x-xhieda tiegħu:

> "*Spjega li wara li mmanettjawh innutaw li kellu riha ta' alcohol.*"

Għaldaqstant, is-suċċitat fatt jixhet dubju dwar il-kredibilita' ta' PC 112 u PC 1456 għaliex waqt illi huma kienu qegħdin jaghtu x-xhieda tagħhom huma kkonfermaw fatt illi kien magħruf u ddikjarat minn PS133 biss quddiem PC 215 u PS 601 għaliex kienu fil-preżenza ta' PS133 meta huwa wissa lill-appellant Illi kellu riha ta' xorb fuqu. Infatti, kien f'dan il-punt u fil-preżenza ta' dawn l- imsemmijin uffiċjali tal-pullzija illi l-appellant għamel il-breathalyser test. Għalkemm dan kollu ma jeskludix Il-fatt illi f'xi mument PC112 u PC1456 ukoll xammew jew setgħu xammew riha ta' alkohol emessa mill-persuna tal-appellant, xorta waħda dak li ntqal minn PS133 fir-rapport tal-inċident a tempo vergine jeskludi din il-probabilita'.

E. Illi fil-ħames lok, l-Insenjament tal-ġurisprudenza nostrana fir-rigward tal-breathalyser test jispjega b'mod inekwivoku għall-aħħar illi persuna li tkun se tiġi soggetta ghall-breathalyser test għandha tiġi debitament infurmata illi n-nuqqas jew ir-rifjut tagħha illi tagħmel dan jikkostitwixxi reat. Minkejja l-eżistenza ta' dan il-prinċipju kruċjali, ir-rapport tal-inċident imħejji minn PS133 jispjega biss illi "Ryan gie infurmat ukoll bid-dritt li jikonsulta ma' avukat u għandu dritt li jirrifjuta...". F'din il-parti partikolari tal-bodycom footage PC1456 jinstema' jgħid illi "għall-bidu breathalyser biss kellna bżonn imma mbagħad ma bediex jikkoopera", pero' dan ma jagħmilx sens ghaliex iktar tard fl-istess bodycam footage PC1456 stess jammetti diversi drabi illi huwa ma xammx riha ta' alkohol fuq il-persuna tal-appellant, allura kif intlaqhet il-konklużjoni illi kien hemm bżonn li jigi amministrat breathalyser test?

Ftit wara, is-surgent illi kien qiegħed fi-imsemmija vettura tal-pulizija bl-iskop IIli jamministra l- breathalyser test jinstema' jgħid lil PC1456 u xi uffiċjali oħra tal-pulizija illi kienu fuq il-post: "Da nafu jiena, dan ziti, ha nitfi dan ara, dan gieli kont nixrob miegħu l-Ħadd jiena l-każin ta' zijuwi...kien Imur jixrob miegħu...dan nafu allura ma rridx nidħol fiha...jiena ġejt għall-breathalyser biss." (**vide bodycam footage, 01:17:06-01:17:27**). Apparti illi sa dan il-punt tal-bodycam footage r-raġuni tal- bżonn ghall-breathalyser test ma kinitx għadha ġiet ddikjarata, dan huwa kunflitt ta' interess manifest. Minkejja Illi mbagħad il-breathalyser test sarlu minn uffiċjal ieħor, xorta wahda r-raġuni wara l-bżonn tal-breathalyser test ma kinitx ċara għaliex meta waqqfuh PC112 u PC1456 u ġie mistoqsi kienx xorob, l-appellant wieġeb fin-negattiv u dak il-hin l-ebda uffiċjal tal-pulizija ma ndika illi kienet tinxtamm riha ta' alkohol fuq il-persuna tal-appellant. Infatti, meta uffiċjal tal-pulizija beda jieħu d-dettalji ta' x'gara eżatt mill-kollega tieghu, PC1456, PC1456 ammetta "ma tantx le" meta ġie mistoqsi xammx riha ta' alkohol fuqu (**vide bodycam footage 01:29:27-01:29:45**), kif ukoll ammetta illi l-appellant twaqqaf biss minħabba l-istat tal-vettura tiegħu u li l-appellant kien infurmahom illi kien qed jagħmel użu minn xi mediċina. Din il-konverżazzjoni seħħet fil-preżenza ta' PS133, illi fir-rapport tal-Incident li ħejja hu stqarr illi kien hu li wissa' lill-appellant illi tinxtamm riha ta' alkohol fuqu u b'hekk sarlu I-breathalyser test. Allura għalfejn l-istess PS133 ma ntervjeniex meta kien preżenti waqt din il-konverżazzjoni?

Skont il-bodycam footage, kien l-istess uffiċjal tal-pulizija illi beda jieħu d-dettalji mingħand PC1456 illi qabad u ddeċieda unilateralment illi jsir il-breathalyser test. Għaldaqstant, ma jistax jingħad illi l-appellant ingħata t-twissija rikjesta mill-liġi u l-ġurisprudenza nostrani għallex ma ngħatax it-twissija bl-inekwoviċita' dettata mill-istess liġi u gurisprudenza. PC1455 reġa' stqarr "surgent ngħidlek il-verita' ma xammejtx riha" u s-surgent illi unilateralment iddeċieda illi jseħħ il- breathalyser test wieġbu "u iva dak il-ħin" (**vide bodycam footage, 01:31:34-01:31:49**). PC1456 jerġa' jikkonferma dan kollu meta wara li seħħet din il-konverżazzjoni huwa mexa ħdejn PS133 u qallu b'ton baxx: "qalli xammejtu xi riha intom? U lili qalli li ma xorobx u

ghidtlu ma xammejt xejn jiena, qalli illostra jien xammejtlu riħa iġifieri wisq probabbli positive wkoll". (**vide bodycam footage 01:31:56-01:32:09**). Pero', kif spjegat qabel, is-surgent sempliċiment kien wieġbu "u iva dak il-ħin u pproċeda billi jġib il-breathalyser test. Minkejja illi f'mument minnhom PC1456 jidher jitkellem ma' uffiċjal tal-pulizija ieħor IIIi kien fuq il-post u dan I-uffiċjal tal-pulizija l-lehor stqarr miegħu illi huwa xamm riha ta' alkohol fuq il-persuna tal-appellant, din il-konverżazzjoni ma seħħitx fil-preżenza tas-surgent illi unilateralment iddeċieda illi jseħħ il-breathalyser test u sehhet wara illi l-imsemmi surgent iddeċieda li jgib il-breathalyser test, allura jista' jingħad illi I- breathalyser test seħħ biss abbażi tal-probabilita' illi jista' jiġi ottjenut riżultat pożittiv, liema probabilita' dejjem teżisti, u mhux abbażi ta' xi suspett raĝonevoli. Di piu' l-appellant deher illi klen f'pussess tal-fakultajiet mentali kollha, kien jaf fejn qiegħed u x'kien qiegħed jigri u meta deher miexi kien jidher miexi normali.

Barra minn hekk, Il-caution illi ngħatat lill-appellant qabel għamel il-breathalyser test kienet is- segwenti: "...tagħmlu u jirriżulta ha tmur il-qorti, imma jekk ma jirriżultax mhux ħa tmur" (**vide bodycam footage, 01:35:09-01:35:14**). Għaldaqstant, ma ngħatax id-debita twissija kif kellha tinghata lilu billi jinfurmawh illi jekk ma jagħmilx il-breathalyser test kien se jkun qiegħed jikkommetti reat. Nonostante, PC112 xehed illi "...aħna spjegajnilu l-caution, li jekk ha jirrifjuta I- breathalyzer ha jkun bhala prova kolloborattivi II kien that l-effett tal-alkohol."

F'dan ir-rigward I-appellant jerġa' jagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **II-Pulizija (Spettur Leeroy Balzan Engerer) vs Gerrit Van Der Veen**, fejn ġie rilevat is-segwenti:

> *"Imbagħad, id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 150 tal-Kap. 65 jaghtu setgha lill-Pulizija li* ***<u>jarrestaw persuna jekk dik il-persuna inter alia tongos milli tagħti kampjun tan-nifs qhal test tan-nifs meta meħtieġa tagħmel hekk skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 15Ć, sakemm dik il-persuna tkun ġiet avżata li n-</u>***

***<u>nuqqas jew ir-rifjut li tagħmel dak meħtieġ kien reat</u>**. Ir-raġuni l-għala trid tingħata din it-twissija lill-persuna li tigi mitluba taghti kampjun ghall-analizi hija ovvja, għaliex meta l-Pulizija teħtieġ li tissomministra t-test tan-nifs biex jittiehed kampjun tan-nifs ghall-fini jigi stabbilit jekk persuna ghamlitx xi reat taht I-Artikolu 15A u l-Artikolu 158 tal-Kap. 65, ir- rifjut tal-persuna li tissottopponi ruhha ghal dan it-test u tagħti l- kampjun rikjest, jammanta ghal reat kriminali u jawtorizza lill- Pulizija jipproċedu għall-arrest ta' dik il-persuna.*

*Il-korollarju ta' dan kollu hu illi f'kull kaz u fi kwalsiasi xenarju, persuna li tintalab tissottopponi ruha ghal test tan-nifs jew li taghti kampjun ghall-analizi kif prospettat mill-Artikoli 15C, 15E u 151 tal-Kap. 65, tkun qieghda titqieghed f'sitwazzjoni **fejn tista' tinkrimina ruhha sija jekk taccetta u sija jekk tirrifjuta li toqghod ghal dan it- test jew taghti l-kamjun rikjest.***

*In propositu il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza Il**-Pulizija vs. Raymond Grech Marguerat** deciza nhar it-28 ta' Ġunju 2017, **<u>iddeċidiet illi t-twissija meta jkun ser jigi Issomministrat t-test ton- nifs, ghandha tiqi spjegata car u tond</u>**. Qalet ukoll hekk:- "Dan ghaliex din mhijiex is-solita twissija li hija ikkontemplata fil-ligi ghaliex il-ligi tippresupponi I-htija meta jkun hemm ir-rifjut u allura I-pulizija investigattiva ghandha tkun attentat doppjament meta jinghata l-coution f'dawn il-kazijiet fejn allura l-persuna suspettata ghandha tinghata d-dritt li tikkonsulta ma' avukat qabel ma taghti t-twegiba taghha billi b'tali twegiba tkun tista' tinkrimina ruhha.. **Dan ifisser allura illi mill-mument ta' l-arrest ta' l-appellat meta ittiehed mill-post tal-incident lejn l-ghassa tal-pulizija huwa kellu jigi moghti l-jedd jikkonsulta ma' lavukat tal-fiducja tieghu qabel ma jinkrimina ruhu bir-rifjut tieghu li joqghod ghattest tan-nifs li kien qed jigi mitlub jaghmel, iktar u iktar***

***meta kollox kien qed jindika illi I-appellat ma kienx qed jifhem dak li kien qed jinghad lilu.*** *Ghal dawn il-motivi ghalhekk din il-Qorti issib illi ma tistax taqleb id-decizjoni liberatorja maghtija mill-Ewwel Qorti." [emfasi ta' din il-Qorti]"*

II-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) ukoll kellha l-opportunita' illi tikkonferma dan l-insenjament, inter alia fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Vella Matthew**, illi ġiet deċiża fis-6 ta' Frar 2020:

"Din it-twissija tingħata speċifikatament **qabel** ma jiġi rilaxxat test tan-nifs."

Di piu', fil-każ suċċitat il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) ghamlet referenza ghas-sentenza **Alexander Zajchenko vs Russia**, deċiża mill-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fit-18 ta' Frar 2010 ill tirrileva s-segwenti:

*"The Court reiterates that in criminal matters, Article 6 of the Convention comes into play as soon as the peson is "charged"; this may occur on a date prior to the case coming before the trial court, such as the date of arrest, the date when the person concerned was officially notified that he would be prosecuted or the date when the preliminary investigations were opened. "**Charge' for the purposes of article 6(1) may be defined as the official notification given to an individual by the competent authority of an allegation that he has committed a criminal offence" a definition that also corresponds to the test whether the situation of the person has been substantially affected."***

Ghaldaqstant, I-Ewwel Qorti kellha tiddetermina Illi mill-provi in atti, ma jirriżultax illi l-appellant gie mgharraf jew imwissi preventivament bir-riperkussjonijiet legali kollha illi kien ikollu jaffaċja f'każ illi jirrifjuta l-breathalyser test. B'hekk I-Ewwel Qorti kellha tiskarta l-prova tar-riżultat tat- test tan-nifs de quo u dan in linea mal-insenļament u d-deċiżjoni f'dan ir-rigward mittieħda mill- Qorti li ddeċidiet is-

sentenza sureferita. Għaldaqstant, I-appellant ma kellux jinstab hati taht 1- artikoli 15A * (1) u 15B(1) tal-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta.

**IT-TIENI AGGRAVJU**

**NUQQAS GRAVI TA' FATTI LI JWASSLU B'MOD UNIVOKU GHAR-REAT ADDEBITAT LILL- APPELLANT FIR-RIGWARD TAL-EWWEL IMPUTAZZJONI**

F. Illi fis-sitt lok, I-Ewwel Qorti ma kellhiex issib IIII-appellant hati ta' ksur tal-artikolu 95 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta stante illi huwa ma kienx vjolenti b'ebda mod mal-uffiċjali tal-pulizija jew xi whud minnhom, kif ukoll stante n-nuqqas ta' konkordanza Illi tispikka bejn il-kontenut tar-rapport magħmul minn PS133 a tempo vergine u x-xhieda illi taw PC112 u PC1456 quddiem I-Ewwel Qorti. Filwaqt illi PS133 jitkellem dwar l-imġieba tal-appellant b'mod ġenerali: "F'daqqa wahda Ryan bidel l-attegjament tieghu fil-konfront tal-pulizija...", PC112 xehed illi "...qabel għaddew għall- arrest l-imputat beda jindirizzahom bi kliem vulgari u qal li se jċempel lil "Bjorn" biex jgħallihom", liema verżjoni ta' fatti ġiet ikkonfermata minn PC1456 wkoll **(vide paġna 3 tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali dwar il-każ de quo).**

F'dan l-istadju l-appellant ifakkar illi l-artikolu 366B(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta įsostni illi:

> **"Kwalunkwe dubju ragonevoli dwar il-ħtija għandu jkun għall- benefiċċju tal-persuna suspettata jew akkużata**, inkluż fejn il-qarti tivvaluta jekk il-persuna akkużata ghandhiex tiġi lliberata."

Apparti minn hekk, Il-bodycam footage jindika illi l-appellant fil-fatt qal "Nista' nčempel lil Bjorn issa" (**vide bodycam footage, 00:09:06**) in konnessjoni mal-fatt illi huwa ġlell għamel rapporti mal- pulizija rigward allegati reati oħra u l-pulizija ma hadet ebda tip ta' azzjoni dwarhom, u ma qalx "li se jčempel III "Bjorn" biex

jgħallihom" kif xehed PC112 quddiem l-Ewwel Qorti. Rigward kliem vulgari, kif spjegat Iktar 'il fuq, I-unika frażi III qal l-appellant u li forsi tista' tiġi kkunsidrata vulgari hija "a liba", pero' l-appellant skuża ruħu ripetutament għaliex dik kienet kelma illi qal fis-sahna tal-mument meta hasshom jaghfsuh mal-bankina (**vide bodycam footage, 00:31:21-00:31:34**). Apparti minn hekk, kif spjegat iktar 1 isfel, saħansitra anke PC1456 stess uża l-kelma "liba" ma' kollega tiegħu meta beda jispjega għala kellhom bżonn jissejħu aktar pulizija fuq il-post.

Di piu', fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Maximilian Ciantar**, deċiza mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fid-29 ta' Settembru 2022 interpretat l-artikolu 95 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta kif isegwi:

> "*Illi ghalhekk l-element materjali ta' dan ir-reat huwa l-ingurja jew it-theddid. Dawn jistgħu jiehdu kemm il-forma verbali kif ukoll miktuba, gesti jew tpingija li huma intenzjonati biex inaqqsu l-gleh u r-reputazzjoni tal-persuna lejn min huma diretti. Il-vittma ta' dan ir-reat jista' jkun biss l-ufficjal pubbliku u l-ingurja jew it-theddida trid issir jew:-*
>
> *(1) filwaqt illi jkun qed jaghmel servizz pubbliku*
>
> *(2) jew inkella minhabba li jkun ghamel dan is-servizz pubbliku*
>
> *(3) jew bil-hsieb li jbezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.*
>
> *Illi l-awturi jaghmlu distinzjoni bejn il-motiv wara l-ingurja jew it-theddid fl-ewwel istanza u dan il-motiv fit-tieni u t-tielet istanza msemmija fil- ligi. Dan billi meta l-oltragg isir fil-mument illi l-ufficjal pubbliku jkun qieghed jaghti s-servizz ma huwiex necessarju illi l-ingurja jew it- theddida tkun marbuta mal-funzjoni illi huwa jkun*

*qieghed jezercita. L- awturi Cheveau et Helie, li jsemmi I-Professur Mamo fin-notamenti tieghu, jghidu hekk:*

*"Quando l'altraggio si verifica nel corso delle funzioni, il motivo che lo determina e' indifferente; la legge vede soltanto il turbamento, l'ingiuria fatta all'esercizio delle funzioni, l'insulto che degrada la loro dignita", avesse pure quest'ingluria una cousa determinante estranea alle funzioni, il turbamento all'esercizio di esse sussisterebbe sempre."*

***Kuntrarjament fiz-zewg istanzi l-ohra, irid jigi ppruvat in-ness bejn l- oltragg u l-qadi tal-funzjoni pubblika**. Finalment ir-reat Irid necessarjament jigi kommess fil-konfront ta' ufficjal pubbliku jew ta' persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku."*

Konsegwentament, ma jirriżultax illi I-prosekuzzjoni rnexxielha tressaq provi illi juru biċ-ċar lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni n-ness bejn l-allegat oltraġġ u l-qadi tal-funzjoni pubblika ta' PC112 U PC1456 skant it-tieni jew it-tielet istanza dettata mill-artikolu 95 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Apparti minn hekk, l-imsemmija sentenza tispjega illi "*...dan ir-reat huwa l-ingurja jew it- theddid. Dawn jistgħu jiehdu kemm <u>il-forma verbali kif ukoll miktuba, gesti jew tpingila.</u>..*", pero' kif gie spjegat supra, fir-rapport tiegħu PS133 sempliċiment ghamel referenza vaga għall- atteġġjament tal-appellant. L-atteġġjament ta' persuna, illi huwa soggettiv għall-ahhar, korrettement ma huwiex wieħed mill-forom illi l-ingurja jew it-theddid jistgħu jieħdu ai termini tal- artikolu 95 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Apparti minn hekk, PC1456 u PC112 ma ndikawx preċiżament xi kliem vulgari ntuża waqt illi kienu qegħdin jarrestaw lill-appellant, pero' l-unika fraži illi forsi tista' tiġi kkunsidrata bħala vulgari hija "a liba", kif diġa' spjegat.

Is-suċċitata sentenza tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Emmanuele Cassar</u>**, deċiża fit-12 ta' Diċembru 1936 mill-Qorti Kriminall, sabiex

issostni l-insenjament dwar l-artikolu 95 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u li fiha ġie ritenut is-segwenti:

> ***"Rekwizit lehor huwa li l-kliem jigu pprofferiti fil-presenza ta' l-ufficjal in kwistjoni, ossia de visu, ghax altrimenti ma Jkunx hemm ir-reat ta' oltragg izda dak ta' ingurja komuni. Inoltre hemm bzonn li l-kliem (Jew gesti, kitba, disinji, ecc.) jkunu fil-fatt ingurjuzi, kif ukoll hemm bzonn I-element formali II jikkonsisti fl-intenzjoni li wiehed joffendi ufficjal pubbliku****. Hemm kazijiet li fihom l-element morali (formali), cjoe' Dana l-animus injuriandi, jigi presunt, u dana jsir meta I-kliem ikunu per se ingurjuzi u tali li wiehed ghandu ragonevolment jirritjeni, fi-assenza ta' prova in kuntrarju, li ntqalu bil-hsieb li l-persuna li ghaliha dawk il-kliem kienu diretti tkun ingurjata, cjoe` bil-hsieb li jintilef jew jitnaqqas il-gieh ta' dik il-persuna. Jekk, pero', il-kliem ma jkunx per se u maddaqqa t'ghajn ingurjuz, trid Issir indagini biex wiehed jistabilixxi jekk ilprosekuzzjoni ppruvatx sal-grad i trid il-ligi f' materja penali li dawk il-kliem intqalu f' cirkostanzi u b' tali mod li kienu ingurjuzi ghall-persuna li lilha kienu diretti u ntqalu mill-agent bl-intenzjoni Il joffendu.* ***Fi kliem lehor, anke jekk il-kliem ikun per se u mad-daqqa t'ghajn ingurjuz, jista' jaghti l-kaz li jkunu ntqalu mhux bl- intenzjoni li joffendu izda, per ezempju, b'cajta (animus jociandi) jew filwaqt li l-agent ikun qieghed legittimament jipprotesta kontra xi aqir partikolari (animus reclamandi). Ghalhekk jekk il-Qorti tkun sodisfatta II I-hsieb tal-agent ma kienx li linqurja izda li jagħmel rimostranza, jigi nieges dan ir-reat."***

Meta l-appellant użа l-frażi "a liba" huwa ma għamilx dan bl-intenzjoni illi jirredikola lill-uffiċjalital-pulizija jew b'xi mod jew ieħor jurihom nuqqas ta' rispett, anzi pjuttost ried illi jfehmhom li għandhom jitfghu l-attenzjoni tagħhom fuq reati serji illi jaf qegħdin iseħħu madwarhom u mhumiex allarmati dwarhom, pero' l-pulizija farfru

minn dmirijiethom għaliex huma ma kinux I-iskwadra adegwata tal-Korp tal-Pulizija sabiex jaħdmu fuq l-allegati reati. Dan ma huwiex atteġġjament xieraq illi għandu jkollu uffiċjal tal-pulizija għaliex kwalunkwe uffiċjal tal-pulizija għandu jara illi l-liġi tkun qiegħda tiġi mharsa u enforzata kif suppost, irrispettivament mill- iskwadra Illi tkun tappartjeni lilu u dan huwa fatt illi anke I-Ewwel Qorti kkummentat dwaru meta qalet: "*...ċertament kull uffiċjal tal-Pulizija jekk jiġi rraportat lilu li qiegħed isehh reat m'għandux jieħu l-affarijiet daqshekk b'mod leġġer u jaħsel idejh għax dak "mhux xogħolu"." Di piu', fil-mument fejn l-appellant biddel kemmxejn l-attitudni tiegħu mal-uffiċjali tal-pulizjia kien meta pulizija ma emmnuhx illi ma kienx se jaħarbilhom bil-karozza meta reġa' dahal fiha biex jieħu s-sigaretti, bil-bieba tax-xufier miftuħa l-ħin kollu, u anke meta bdew iweġġgħuh billi rifsu b'irkuptejhom fuq rasu u dan minkejja l-prostest konsistenti ta' wġigħ tal-appellant, il-pulizija baqgħu jissuġġettawh għal dik it-tip ta' vjolenza illi certament ma kinitx nečessarja u saħansitra baqgħu jagħmlulu hekk sakemm waslu uffiċjali oħra tal-pulizija illi jiffurmaw parti mill-RIU. Fil- fatt l-appellant esebixxi diversi provi sablex juri l-ġrieħi Illi sofra b'kawża tan-natura vjolenti tal- pulizjia meta mmanettjawh u korrettement, I-Ewwel Qorti sahqet is-segwenti: "Illi I-Qorti tqis illi ladarba l-imputat kien immanettjat ma kienx hemm għalfejn jibqa' jinżamm mal-art u tpoġġa bilqiegħda fuq ċint li kien hemm fuq l-istess bankina."*

Barra minn hekk, jekk il-pulizija hassewhom daqshekk inġurjati bl-użu ta' fraži vulgari bhalma hi "a liba", għala PC1456 meta kien qiegħed jitkellem ma' uffiċjal lehor tal-pulizija qallu "*...qisni ma nkunx irrid naqla' karozza għalxejn fhimt jiena, imbagħad meta rajnieh ġie bil-liba...*"*?* (**vide bodycam footage, 01:34:14-01:34:29**). Se mai, uffiċjal tal-pulizija missu jagħti eżempju u jagħmel xogholu b'ċertu dekor u professjonalita' u mhux juża kliem baxx u vulgari illi mbagħad jgħid illi jhossu ingurjat bihom meta allegatament jintużaw fil-konfront tieghu.

Di piu', PC112 xehed quddiem l-Ewwel Qorti illi "*ixxuttja l-karozza qalilna jien ma jinteressanix mill-karozza. Qalilna imma c-cavetta mhux se ntihilkom. Nippreferi nahragha c-cavetta qabel ma ntikom ic-cavetta lilkom.*", iżda dan ma jirrizulta fi-ebda parti tal-bodycom footage illi fuq kollox ġie prodott mill-prosekuzzjoni stess.

Ghaldaqstant, ma jistax jingħad illi l-appellant huwa hati ta' ksur tal-artikolu 95 tal-Kap. 9 tal- Liġijiet ta' Malta għaliex f'dak il-punt huwa kien qiegħed jipprotesta I-vjolenza mhux neċessarja tal-pulizija u mhux għaliex kellu l-intenzjoni illi jnaqqas il-ġieħ u r-rispett misthoqq lejn kull uffiċjal tal-pulizija. L-appellant ma qabadx u offenda lill-uffiċjali tal-pulizija għax ried jagħmel hekk, iżda naturalment meta huma wżaw forza mhux nečessarja illi rrendiet użigh u ġrieħi fuq il-persuna tal-appellant stess, l-appellant kellu jagħmel čerta režistenza sabiex jipproteġi lilu nnifsu stess u I-fraži li ntqalet mill-appellant intqalet biss fis-saħna tal-mument huwa u jipprotegi lilu nnifsu u bl-ebda intenzjoni malizjuża. Di piu', tant kemm il-kliem illi ntqal mill-appellant kien biss kliem illi ntqal fis-saħna tal-mument u sforz l-uġigħ illi hass meta l-pulizija kienu fiżikament vjolenti miegħu illi I-kliem li qal ma kienx immirat b'mod dirett lejn l-uffiċjali in kwistjoni jew xi uffiċjali in kwistjoni kif mitlub fis-suččitata sentenza għaliex huwa fl-ebda ħin tal-inċident ma ndirizza kliem dispreggjattiv direttament lejn PC112 u PC1456 billi rrefera għalihom b'isimhom in konnessjoni mat-tali lingwagg, iżda minflok kien qiegħed jitkellem b'mod generali għall-ahhar ghallex hass illi flok jissuġġettaw lilu għal dik il-vjolenza l-pulizija setgħu kienu qegħdin okkupati jsolvu każijiet ta' natura iktar gravi u serja.

Apparti minn hekk, il-prosekuzzjoni ma ressqet ebda tip ta' evidenza konvinċenti u oggettiva illi tindika li l-kliem allegatament ingurjuż illi ntqal minn l-appellant fil-konfront ta' xi uffiċjali tal- pulizija ntqal čertament de visu PC112 U PC1456, għajr ix-xhieda tagħhom stess, liema xhieda ma kinitx dejjem konsistenti ma' evidenza oħra in atti kif spjegat supra, b'mod partikolari mar- rapport imħejji minn PS133 stess a tempo vergine.

II-Qorti tal-Appell Kriminal kellha l-okkażjoni tispjega l-element tar-reat illi jissusti fl-**artikolu 95 tal-Kap. 9** tal-Liġijiet ta' Malta wara li eżaminat diversi sentenzi fil-każ fl-ismijiet **II-Pulizija vs Nizar I Mustafa Al-Gadi**, illi ġiet deċiża fit-28 ta' Lulju 2022 u tinsenja s-segwenti:

*"Minn ezami ta' dawn is-sentenzi* ***jokkorri I-konkorrenza ta' hames elementi*** *fejn l-allegat kliem jehtieg li jkun sar:*

*a) Lil wiehed li ghandu l-kwalifika ta' ufficcjal pubbliku;*

*b) Officio Durante vel contemplatione officil;*

*c) De visu;*

*d) Li jkun fil-fatt ingurjuz; u*

*e) Animo injuriandi."*

Fil-każ de quo ma jirriżultax illi s-suċċitati elementi ġew provati kollha b'mod sodisfacenti mill- prosekuzzjoni, b'mod speċjali l-hames element (animo injuriandi) għar-raġunijiet fuq spjegati. Anke jekk din I-Onorabbli Qorti tasal għall-konklużjoni illi I-bqija tal-elementi gew provati b'mod sodisfacenti, dan ma huwiex biżżejjed sabiex l-appellant jinstab hati tal-ewwel imputazzjoni għaliex jeħtieġ illi jissossistu l-ħames elementi kollha b'mod kumulattiv u mhux alternattiv sabiex wieħed potenzjalment jinstab hati ta' ksur tal-artikolu 95 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, hekk kif gie insenjat u ritenut mill-ġurisprudenza nostrana permezz tal-użu tal-kelma "konkorrenza" fis- sentenza sureferita. Il-prosekuzzjoni kellha tesebixxi provi moralment kunvinċenti lil hinn minn kuli dubju ragonevoli illi verament jissossistu l-ħames elementi kollha rikjesti minn l-artikolu in kwistjoni <u>jekk verament riedet tilhaq il-grad ta' prova mistenni minnha.</u>

Għaldaqstant, I-Ewwel Qorti ma kellhiex tqis illi l-ewwel imputazzjoni ġiet provata sodisfacentement mill-prosekuzzjoni u in linea mal-grad rikjest mil-liġi illi tirregola I-kamp kriminali, u ċioe' lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni.

## IT-TIELET AGGRAVJU

Fir-rigward ta' dan l-aggravju, l-appellant ma kellux jinghata sentenza ta' prigunerija, ghalkemm sospiza u ghal piena ta' 2,500 Eur. L-appellant seta' gie liberat bil-kundizzjoni li ma jwettaqx reat iehor fi zmien determinat mill-Qorti.

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali pprezentata fir-registru ta' dina l-Qorti nhar il-25 ta' Jannar, 2024 a fol. 181 et seq tal-atti.

Rat illi dan il-kaz gie assenjat lil din il-Qorti hekk kif ippreseduta nhar it-13 ta' Frar, 2024 wara li kien hemm astenzjoni tal-Imhallef Neville Camilleri;[1]

Illi nhar it-30 ta' Mejju, 2024, il-partijiet irrimettu ruhhom ghall-atti.

**Ikkunsidrat**,

Illi permezz **tal-ewwel aggravju** tieghu l-appellant qieghed jecepixxi nuqqas gravi ta' fatti li jwasslu b'mod univoku ghar-reat addebitat lilu fir-rigward tas-seba' imputazzjoni. Fost il-hafna punti li qajjem l-appellant taht dan l-aggravju, hu qieghed jilmenta illi l-ewwel Qorti qatt ma setghet issib htija fir-rigward tas-seba' imputazzjoni u ghalhekk anke ghamlet apprezzament hazin ta' fatti.

Din il-Qorti hija Qorti ta' revizjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati u ghalhekk ma tbiddilx l-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti meta dik il-Qorti tkun legalment u ragonevolment korretta fl-apprezzament li hija kienet ghamlet. Kif ritenut fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **il-Pulizja vs Julian Genovese**:[2] '

[1] Fol. 199a tal-atti processwali.
[2] Deciza 31 ta Lulju 2008. Appell Numru 141/2008.

*'hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti **ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha.** Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, **izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha.** Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni* (ara f'dan is-sens "inter alia" l-Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et.**[3]" [12.5.94]; "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. George Azzopardi**[4]" [14.2.1989]; "**Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace**[5]" [31.5.1991]; "**Il-Pulizija vs. Anthony Zammit**[6]" [31.5.1991] u ohrajn.)

Illi appropozitu, din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn Lord Chief Justice Widgery fil-kawza "**R. v. Cooper**[7]" (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-

*"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) ,*

[3] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-12 ta' Mejju, 1994.
[4] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-14 ta' Frar, 1989.
[5] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-31 ta' Mejju, 1991.
[6] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-31 ta' Mejju, 1991.
[7] 1969] 1 QB 276.

*because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then, very exceptionally, a conviction will be quashed."*[8]

Jekk il-Qorti tal-Magistrati tkun ghamlet xogholha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza taghha, dimend li ma jkunx hemm raguni valida. L-appellant jista' ma jaqbilx mal-konkluzjonijiet tal-Ewwel Qorti, madanakollu dan mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati.

Illi fl-appell kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt**,[9] inghad illi :-

*"Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li* ***tezamina l-provi dedotti f' dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat u, jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta…. , il-funzjoni , anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament. Biex din il-Qorti, kif del resto gieli ghamlet – tiddisturba l-gudizzju …, trid tkun konvinta li l-istess ma setghux, taht ebda cirkostanza ragjonevoli, jaghtu affidament lill-versjoni minnhom emmnuta."***

[8] Ara wkoll BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991), p. 1392.
[9] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-1 ta Dicembru,1994.

Din il-Qorti ma tkunx semghet ix-xhieda hi kif tkun semghathom l-Ewwel Qorti, u ghaldaqstant din tal-ahhar ikollha vantagg peress li tkun semghet ix-xhieda u rat il-komportament taghhom meta dawn xhedu. Ghaldaqstant, din il-Qorti tista' ma taqbilx mal-Ewwel Qorti, izda jekk din setghet legalment u ragonevolment tasal ghal dik il-konkluzzjoni din ma tistax taqbad u tbiddilha. Izda, din il-Qorti taghmel ezami approfondit biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx fuq il-provi li kellha quddiemha tasal b'mod "*safe and satisfactory*" ghall-konkluzzjoni ta' htija.

Huwa principju fundamentali tal-process penali li sabiex l-akkuzat jigi misjub hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, tali akkuzi ghandhom jigu pruvati **oltre kull dubju dettat mir-raguni.** Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Peter Ebejer,**[10] il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, **dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.**

Il-Qorti tissottolinea li huwa ben risaput li l**-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati.** Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija sempliciment fuq analizi individwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament. Il-Gudikant għandu jezamina bir-reqqa l-provi rilevanti li jkollu quddiemu u mbaghad jiddeciedi l-kawza abbazi tal-ligi applikabbli, tal-gurisprudenza, u tal-provi li fl-opinjoni tiegħu huma konsistenti, konvincenti u korroboranti.[11]

---

[10] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-5 ta' Dicembru 1997.

[11] Appell Civili Numru. 140/1991/2 - Norbert Agius v. Anthony Vella et., deciz fil-25 ta' April, 2008 mill-Prim Imhallef Vincent De Gaetano u l-Imhallfin Joseph D. Camilleri u Joseph A. Filletti.

Illi ghalhekk m'hemmx dubju li kollox jiddependi fuq **il-kredibilita` tax-xhieda** u dan billi din il-Qorti sejra taghti qies l-imgieba, il-kondotta u l-karattru tax-xhieda, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandiex mis-sewwa jew hix kostanti, u ta' fatturi ohra tax-xhieda u jekk ix-xhieda hix imsahha minn xhieda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, u dan ai termini tal-Artikolu 637 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Artikolu 637 tal-Kapitolu 9** jipprovdi gwida cara lill-Gudikant kif ghandu japprezza xhieda ta' xhud:

> *"id-deċiżjoni titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda għandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xiehda tiegħu, u jekk ix-xiehda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-kaz."*

**Ghandhom ikunu ndizzji evidenti li jorbtu lill-akkuzat mar-reat u hadd iktar, anzi l-akkuzat biss, li hu l-hati u l-provi li jigu mressqa, ikunu kompatibbli mal-presunzjoni tal-innocenza tieghu.** Illi ghalhekk huwa mportanti fl-isfond ta' dan il-kaz li jigi ppruvat li kien l-imputat biss li ghamel dak li gie akkuzat bih u ghalhekk il-Qorti sejra tikkonsidra kwalunkwe prova possibilment cirkostanzjali li tista' torbot lill-imputat b'mod univoku bir-reati addebitati lilu.

Fil-fatt kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Carmelo Busuttil**:[12] *"Il-prova ndizzjarja ta' spiss hija l-ahjar prova tal-volta hija tali li tipprova fatt bi precizjoni matematika".*

Illi huwa veru li fil-kamp penali, il-provi ndizzjarji hafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti. Hu veru wkoll li l-provi ndizzjarji jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex wiehed jaccerta ruhu li huma univoci.

[12] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sitta (6) ta' Mejju, 1961.

**Archbold** fil-ktieb tieghu **Criminal Practice**[13] b'referenza ghal dak li qal Lord Normand fil-kaz **<u>Teper vs. R</u>** [14] jghid:

> *"Circumstantial evidence is receivable in Criminal as well as in Civil cases; and indeed, the necessity of admitting such evidence is more obvious in the former than in the latter; for in criminal cases, the possibility of proving the matter charged by the direct and positive testimony of eye witnesses or by conclusive documents much more than in civil cases; and where such testimony is not available. The Jury is permitted to infer the facts proved other facts necessary to complete the elements of guilt or establish innocence. It must always be narrowly examined, if only because evidence of this kind may be fabricated to cast suspicion on another [...]. It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there is no other co-existing circumstance which would weaken or destroy the inference".*

Illi din hija ezattament il-posizzjoni hawn Malta, kif fil-fatt giet konfermata b'sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Emanuel Seisun</u>**.[15]

Din il-Qorti thoss u tghid li provi cirkostanzjali huma bhal katina li tintrabat minn tarf ghal tarf, b'sensiela ta' ghoqiedi li jaqblu ma' xulxin u li flimkien iwasslu fl-istess direzzjoni. Sabiex l-evidenza cirkostanzjali tkun is-sies ta' sejbien ta' htija, din trid tkun univoka, jigifieri li tipponta biss u esklussivament lejn direzzjoni u konkluzjoni wahda u xejn hliefha. Altrimenti, jekk ic-cirkostanzi jaghtu lok ghal aktar minn konkluzjoni wahda, il-Qorti ma tkunx tista' tistrieh fuqhom biss biex tkun tista' ssib htija.

---

[13] 1997 Edition Para 10-3.
[14] 1952.
[15] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar d-9 ta' Jannar, 1998.

Artikolu 638 tal-Kodici Kriminali jaghmilha cara li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ggib il-provi kollha u l-ahjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlahaq b'success. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu principalment fil-verzjoni ta' xhud wahdieni, il-Qorti xorta wahda tista' tasal sal-grad ta' prova rikjest fi procedimenti kriminali, jekk dak ix-xhud ikun gie emnut; u dan peress li f'din l-eventwalita', din ix-xiehda ssir bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Fil-fatt l-Artikolu 638(2) tal-Kodici Kriminali jghid li xhud wiehed wahdu, jekk emnut, huwa sufficjenti sabiex fuq ix-xiehda tieghu l-Qorti tkun tista' ssib htija. Dan il-prinċipju ġie kkonfermat f'diversi kazijiet li dawn il-Qrati kellhom quddiemhom fil-passat.[16] Jiġifieri huwa legalment korrett u permissibbli li Qorti ta' Gustizzja Kriminali tasal li ssib htija f'persuna akkuzata fuq ix-xiehda ta' xhud wiehed biss.

In oltre kif gie ritenut mil-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorne**,[17] mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l- Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi u tasal ghall-konkluzjoni taghha.

F'dan il-kuntest, allura, l-akbar sfida li jkollhom il-Qrati fil-kazijiet li jisimghu hija li jiskopru l-verita' storika; u dan peress li l-evidenza li tingieb mhux dejjem tkun veritiera. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet, kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qieghed jghid. U huwa ghalhekk li jezisti wkoll ir-reat ta' sperġur. Il-Qrati ma ghandhomx is-setgha li jaqraw l-imhuh tan-nies. Il-Qrati jippruvaw jifhmu xi jkollhom f'mohhhom, f'qalbhom u fil-kuxjenza taghhom in-nies li jidhru quddiemhom biss mill-kliem li jghidu u mill-eghmil taghhom. Il-Qrati jridu jistriehu

[16] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Bonavia ppreseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; Il-Pulizija vs Antoine Cutajar ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; Il-Pulizija vs Carmel Spiteri ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.

[17] Deċiza fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono

biss fuq il-provi li jkunu ngiebu quddiemhom – cioe’ l-evidenza diretta jew l-evidenza indiretta.

Ghalhekk din il-Qorti sejra tghaddi sabiex tevalwa l-evidenza li ngiebghet quddiem l-Ewwel Qorti.

**<u>Fl-NPS Report</u>**[18] hemm provdut illi nhar it-18 t’ Ottubru, 2021 ghall-habta ta’ 15.50pm kienet dahlet telefonata l-ghassa ta’ Bormla minghand PS 67 fejn qal li kien hemm Unit tal-RIU li kellhom bzonn l-assistenza tad-distrett ghaliex kienu waqfu persuna u rresistithom u kien ukoll saq taht l-effett tal-alkohol fit-triq Immakulata Bormla. Il-pulizija tad-distrett marru fuq il-post fejn sabu lil PC 112, PC 1456 u PS 601 flimkien mal-appellant immanetjat. PC 1456 u PC 112 kienu qalu li ftit tal-hin qabel kienu ghaddejien minn Pjazza Gavino gulia, Bormla u raw hafna nies iharsu lejn vettura ta' l-ghamla BMW bin-numru tar-reigstrazzjoni JBT 917 bil- bumper ta' quddiem, healight ta' quddiem tan-naha tax-xufier u mudguard ta' quddiem tan-naha tax-xufier bil-hsara. Dan qajmilhom suspett li din il-vettura setghet laqtet xi haga u baqghet sejra ghalhekk saqu ghall-warajha u xeghlu d-dwal u s-sirena u bdew jahgmlu sinjal lix-xufier biex jieqaf fil-genb. Ix-xufier baqa' jsuq u sahansitra qabes karozza pero’ eventwalment waqaf fi triq l-Immakulata, Bormla. Meta waqaf ix-xufier, li irrizulta li kien l-appellant, hareg minn gol-vettura u beda jitkellem mal-pulizija u jghidilhom li hu jiehu xi medicini. PC 112 u PC 1456 innutaw li l-appellant ma bedhiex ikun car fi kliemu u beda jkaxkar il-kliem u ghalhekk qajmilhom suspett li kien that I-effett ta' alkohol jew drogi. F'daqqa wahda l-appellant biddel l-attegjament tieghu fil-konfront tal-pulizija u dahal fil-vettura tieghu bic-cavetta. PC 1456 u PC 112 bdew jordnawlu sabiex johrog mill-vettura u ma jsuqx pero dan ma bediex jobdi l-ordnijeit tal-pulizija. Illi ghal din ir-raguni PC 1456 u PC 112 uzaw forza necessarja biex harguh minn gol-vettura tieghu. L-appellant beda jirrezisti liz-zewg pulizija pero eventwalment harguh u gie immanetjat. L-appellant gie arrestat ghall- habta ta' 15.50hrs. Waqt dan kollu PC 112 u PC 1456 sofrew xi griehi. Fil-prezenza ta' PC 215 u PS 601, PS 133 informa lill-appellant li qed tinxtamm riha ta' alkohol gejja minnu u ghalhekk hemm bzonn isir

[18] Fol 6 et seq tal-process.

*breathalyser test*. L-appellant gie nfurmat ukoll bid-dritt li jikonsulta m' avukat u wkoll li kellu dritt li jirrifjuta pero dan jfisser li jittiehdu passi fil-konfront tieghu. L-appellant ghazel li jaghmel kuntatt ma' l-avukat tieghu u wara ghazel li jagħmel it-test. Qabel ghamel it-test l-appellant qal li kien ha tnjen birra u kien xorob l-alkohol il-gurnata ta' qabel ukoll. It-test tan-nifs irrizulta 91 1ug/100ml. L-appellant iffirma l-ircevuta. L-ispettur D Buhagiar kien gie infurmat b'dan kollu fejn ordna lill-appellant jinzamm taht arrest. L-appellant ghamel kuntatt ma' tow truck biex il-vettura tieghu tigi irmunkatha minn fuq il-post u wara ittiehed l-ghassa ta'Bormla. Hemmhekk u cioe gewwa l-ghassa l-appellant gie mghoti l-ittra tad-drittijiet tieghu u l-pulizija regghet infurmatu bir-raguni ta' l-arrest tieghu. Minn stharrig fuq il-post fejn setghet sehhet il-hsara mill-vettura ta' Ryan gie innutat bicciet tal-vettura ta' Ryan ma' bollard fi pjazza Gavino Gulia, Bormla ezattament quddiem il-fergha tal-BOV. PC 112 kien gie iccertifikat li sofra minn griehi ta' natura hafief minn Dr V Caruana ta' Paola Health Centre. Nhar it-18 t'Ottubru 2021 stess, l-appellant gie mittiehed gewwa c-centru tas-sahha tal-Floriana fejr gie nvistat minn Dr. David Barbara, fejn irrizulta li l-appellant kien fi stat ta' sahha tajba u li setgha jinzamm gewwa l-lock up. Iktar tard l-appellant gie mittiehed gewwa l-lock up minn Pc 925 u Pc 381. Minn stharrig li ghamlu I-Pulizija f'Misrah Gavino Gulia gewwa Bormla, ma nstabet l-ebda hsara li setghat sehhet mill-appellant, izda nstabu biss xi partijiet imkissrin tal-vettura tieghu.

**Dok DB4**[19] huwa d-dikjarazzjoni tar-Rifjut tal-Jedd ghal Parir Legali fejn l-appellant iffirma li kien ser jigi mitkellem in konnessjoni ma' suspett li saq taht l-influwenza, irrezista u hebb ghall-pulizija, u reati ohra li jirrizultaw waqt il-kors t'investigazzjoni. Din id-dikjarazzjoni tghid ukoll li l-appellant gie nfurmat mill-Ispettur Darren Buhagiar li kellu l-jedd li qabel issirlu xi nterrogazzjoni jithalla kemm jista' jkun milghajr jikkonsulta privatament m'avukat jew prokuratur legali, izda l-appellant irrinunzja ghat-tali dritt.

[19] Fol. 12 tal-process.

L-appellant irrilaxxa stqarrija li tinsab immarkata fl-atti bhala **Dok DB5**[20] u fil-bidu jirrizulta illi l-appellant gie mwissi mill-Ispettur Darren Buhagiar u fil-prezentza ta' PC2428 Tristan Ebejer li mhux obbligat iwiegeb ghall-mistoqsijiet li kienu ser isirulu, izda dak kollu li jghid, kien ser jitnizzel bil-miktub u tista' tingieb bhala prova kontra tieghu. Fuq nett insibu wkoll li permezz ta' din l-istqarrija, li l-appellant iffirma, ikkonferma li gie moghti lista tad-drittijiet tieghu skont il-ligi u wara li qaraha jew giet moqrija u spjegata lilu, ikkonferma li fehem id-drittijiet tieghu. L-appellant ikkonferma wkoll illi qabel l-istqarrija huwa rrinunzja ghad-dritt li jikkonsulta mal-avukat tieghu kemm qabel l-interrogazzjoni, kif ukoll li jkun prezenti waqt l-interrogazzjoni. L-appellant stqarr illi huwa ma jahdimx, li huwa *single* u minghajr tfal u li ma ghandux laqam. Bhala vetturi registrati fuq ismu, huwa qal li ghandu BMW 5 series bin-numru tar-registrazzjoni JBT917 u VW Toureg bin-numru GBR526. Mistoqsi jikkonferma li l-pulizija kienet eskortatu sal-polyclinic tal-Furjana sabiex jiehu xi medicina qabel l-istqarrija, l-appellant ikkonferma li ha l-medicina. Dan tal-ahhar qal li kien jinstab taht il-kura ta' Dr Christian Said minhabba li kien ibati b'dipressjoni. Mistoqsi dwar l-incident tal-gurnata ta' qabel huwa qal li ghall-habta ta' 4pm, huwa kien qed isuq BMW minn go Bormla direzzjoni lejn Haz-Zabbar u kien hemm il-pulizija warajh u ghamlulu sinjal sabiex jitfa' mal-genb. Hu qal li obdihom mill-ewwel u gew jghajjtu mat-tieqa sabiex johrog mill-karozza. L-appellant qal li huwa saqsihom ghalfejn ghaliex huma ma kien ghamel xejn hazin u baqghu jghajjtu sabiex johrog mill-karozza u sussegwentament harguh bil-forza. Il-pulizija baqghu jghajjtu mieghu u beda jghidilhom li kienu qed iweggghuh meta mmanetjawh. L-appellant qal li lanqas li qatel peress li kienu marru hames karozzi tal-pulizija. Imbghad ghamlu tfittxija fil-karozza li rrizultat fin-negattiv. Mistoqsi li hu ma waqafx mill-ewwel u sahansitra qabez karozza ta' quddiemu, l-appellant wiegeb li ma ndunax bil-pulizija mill-ewwel. L-appellant wiegeb bil-kliem *'Jista' jkun'* meta l-Ispettur issugerilu illi huwa offra rezistenza u ma bediex jobdi l-ordnijiet tal-pulizija sabiex huwa johrog mill-vettura u jigi mitkellem. Mistoqsi jekk wara li hareg mill-vettura kienx minnu li huwa rega' qabad ic-cavetta u dahal fil-karozza, l-appellant wiegeb 'le' u dahal sabiex igib sigarett. Mistoqsi jekk kienx staqsa lill-pulizija li kien ser igib sigarett, huwa wiegeb

[20] Fol. 13 et seq tal-process.

'ma nafx'. Mistoqsi li hu kien inghata d-dritt tal-avukat wara li kien gie nfurmat li qieghed taht arrest, tant li kien ghamel kuntatt ma Dr Ludwig Caruana, l-appellant wiegeb 'Iva' u li kien kellmu sabiex jghidli x'kien gara. L-appellant qal li jahseb li l-vettura tieghu kienet giet irmunkata u li giet mehuda fejn toqghod it-tfajla tieghu. Mistoqsi li kien sarlu t-test tan-nifs u rrizultalu fil-pozittiv, l-appellant wiegeb li hekk kienu qalu l-pulizija. Mistoqsi kienx gie nfurmat bir-rizultat tat-test, l-appellant wiegeb li kien gie mistoqsi sabiex jaghmel it-test u beda jahsibha u kien hemm pulizija li qallu li jekk ma jaghmlux jehel multa. Hu accetta li jaghmlu izda ma jiftakarx x'kien ir-rizultat. Jghid li qabel l-incident huwa xorob tnejn birra u li qabel l-incident kien ha xi tlett pirmli mid-disa' li jiehu kuljum. Meta l-Ispettur qal lill-appellant li l-*breathalyser* immarka 91.1ug/100ml huwa qal li kien jahseb li affetwaw il-pirmli. Mistoqsi dwar il-griehi hfief li garrbu l-pulzija, huwa qal li ma jidirlux li kien ghamel girfa lil had. Muri ritratt ta' wahda mill-griehi hfief li garrab pulizija huwa wiegeb bil'kliem '*Iva, nahseb bil-manetti stess*'. Dwar il-hsarat li kellha l-karozza tieghu l-appellant qal li kien habat ma bollard fil-pjazza ta' Bormla fejn il-BOV. Finalment l-appellant ikkonferma li waqt l-istqarrija kien qieghed f'qaghda tajba u rrilaxxa din l-istqarrija b'mod volontarju.

**PC 112 Joshua James Grixti**[21] xehed nhar it-8 ta' Novembru, 2021 fejn brevement qal li dakinhar ta' 18 t'Ottubru, 2021 kienu ghaddejin mill-Pjazza ta' Bormla fejn PC1456, gibidlu l-attenzjoni li kien hemm daqsxejn kommissjoni. In-nies kienu qed iharsu lejn vettura u kif harsu nnutaw BMW li kellha l-genb tan-naha tal-passigier ta' quddiem, kien jidher kien hemm fanal qed ikaxkar mal-art u kellha xi hsarat. Min-naha taghhom, raw li l-vettura f'dak l-istat mhix tajba ghat-triq u hekk saqu warajha. Kif xeghlu l-beacon, l-appellant l-ewwel qabez vettura, izda imbaghad waqaf u l-kollega tieghu mar fejn il-vettura sakemm hu cempel il-*control room* u nfurmahom li kienu waqqfu vettura tal-ghamla BMW biex ikunu nfurmati x'inhu ghaddej. F'daqqa' wahda sema lil kollega tieghu jghajjat *'hand brake, hand brake'* u ra din il- BMW niezla lura ghal fuq il-vettura tas-servizz. Jghid li kienu qeghdin f'tela' u f'daqqa wahda il-karozza waqfet. Hu hareg mill- vettura biex jassisti u johrog ix-xufier tal-vettura, li gharaf

[21] Fol. 23 et seq tal-process.

quddiem l-Ewwel Qorti u li beda jikkopera. L-appellant kien staqsihom x’kien gara u huma qalulu li kienu waqqfuh ghaliex il-vettura tieghu kellha xi hsarat u ma kinetx tidher li hija ta' stat li tinstaq fit-triq. Meta beda jkellimhom l-appellant, beda jkaxkar fil-kliem tieghu, beda ma jitkellimx car, u kien daqsxejn zghira ecitat. Izda, beda jsegwi l-istruzzjonijiet tagħhom fil-bidu. Talab li jcempel lil partner tieghu u min-naha taghhom ma kellhomx oggezzjoni ghax dak il-hin kien ghadu mhux taht arrest. Kull ma kellu hsara fil-vettura. Hu kien qalilhom li kien ghadu kemm hireg mill-isptar u qed jiehu xi medicini. B’hekk huma ghal bidu bdew jghidu li x'aktarx, il-komportament tieghu li ma kienx qed jitkellem car, jaf minhabba dawn il- medicini. Infurmawh li hekk kien qed jiehu xi medicini li qed jaffettwaw is-sewqan tieghu, jitkellem mat-tabib tieghu. Ftit wara giet il- partner tal-appellant fuq il-post. Fil-frattemp l-appellant beda jghid li l-pulizija qed jaqbdu mieghu u mhux jaghtu kaz kriminali hafna ikbar. L-appellant qalilhom nies li jbieghu d-drogi u rapport mhux qed tatu kashom. Hu qallu li jekk haddiehor qed jaghmel hazin ma jfissirx li jista' jaghmel hazin hu wkoll. Ix-xhud saqsa lill-appellant jekk kienx ghadu kemm jixrob u wiegeb fin-negattiv. Wara kif giet il-partner tieghu, u qaltilhom li kien ghadu kemm iwassal lit-tifel taghha u beda jargumenta ftit mal-partner tieghu. Huma nfurmawh li ried icempel sabiex jiehu l-vettura minn fuq il-post. Hemmhekk l-appellant beda jecita ruhu u xxutja l-karozza u qalilhom li hu ma kienx jinteressah mill-karozza. Qalilhom ukoll li c-cavetta ma kienx ser jghaddijilhom u li kien jippreferi jahraqha. Huma qalulu li ma kienx ser isuq ghaliex hu ma kienx jidher f’kundizzjoni li seta’ jsuq u l-vettura ma dehritx f’kundizzjoni li setghet tinstaq. Sakemm il-kollega tieghu beda jitkellem fuq ir-radio u hu beda jkellem lil partner tieghu biex izzomm naqra distanza sabiex jigu evitati argumenti, l-appellant rega' rikeb fil-karozza u huma marru fuqu mal-ewwel. Il-pulizija qalulu sabiex johrog mill-vettura jew biex itihom c-cavetta. L-appellant qalilhom li ma kienx se johrog u c- cavetta ma kienx ser jaghtijihom. Qallu kemm il-darba u l-kollega tieghu sadattant mar fuq il-vettura tas-servizz. Hu baqa’ hemm u tawh cans bizzejjed lil-appellant, hareg, qabad il-pouch minn fuq idejh, hareg il-magna tas-sigaretti, rembel sigarett u pejpu shih. Il-partner tieghu bdiet tghidlu l-kliem tivvintax u tipprovax. Qaltlu wkoll sabiex jobdi l-ordnijiet li qed ituk il-pulizija. Min-naha taghhom qalulu kemm il-darba u wara li semghu l-partner tieghu tghidlu

hekk huma ddecidew li kellhom juzaw il-forza necessarja sabiex johorguh mill-karozza. Ma riedx li jimmanetjawh u qalulu li kien ser jigi arrestat ghax ma kienx qed jobdi l-ordnijiet taghhom. Beda jxejjer idejh u jghidilhom li qed ikunu 'liba' mieghu. Beda jghid lill-partner tieghu sabiex tihdilhom in-numru u li kien ser icempel lil Bjorn. Sabiex ilibbsulu l-manetti kellhom inizzluh mil-art sabiex jkunu jistghu jikkontrollaw idejh. F'dak il-punt, huma u jlibbsulu l-manetti, hu wegga ftit subajh. Jemmen li ma kienitx l-intenzjoni tieghu li jweggghu, izda minhabba li kien qed jirrezisti l-arrest, spicca wegga' ftit subajh. Kif immanetjawh huma nnutaw li hu ghadda l-awrina flimkien anke ma' hmieg iehor. Fil-fratemp wasal is-Surgent u l-appellant beda jikkalma. Tellawh u poggewh bilqeghda fuq ic-cint u kif resqu vicin sabiex ikellmuh, innutaw riha qawwija ta' alkohol li bdiet hierga minn go halqu. Huma nfurmaw lill-pulizija tad-Distrett biex meta jmorru fuq il-post, igibu maghhom ukoll il- *breathalyzer*. Id-drittijiet tieghu, il-*caution* giet moghtija minhabba li gie taht arrest u nfurmawh anke l-hin. Meta gew tad-distrett bil-*breathalyzer* fuq il-post, regghu tawh il-*caution*, u spjegawilu. Fil-fatt huwa, ha d-dritt tieghu li jcempel lill- avukat tieghu, u nehhewlu l-manetti ghax kien ikkalma. Kif qata' minn mal-avukat tieghu, ghal bidu beda jirrifjuta li jaghmel il-*breathalyzer* izda huma spjegawlu l-caution, li jekk ha jirrifjuta l-*breathalyzer* ha jkun bhala prova kolloborattiva li kien taht l-effett tal-alkohol. Jekk hu jaf bic-cert li ma ghamilx uzu mill-alkohol, qalulu li jista' jiehu c-cans tal-*breathalyzer*. Jekk jigi negattiv, igifieri kollox sew. Hemmhekk huwa accetta u l- *breathalyzer* immarka iktar minn *ninety.* Igifieri iktar mill-limitu ta' kemm jista' jigi kkunsmat alkohol. Minn hemmhekk, il- partner tal-appellant hadet *over* tal-karozza biex tigi ttowjata mill- insurance. Ic-cavetta haditha hi dirett minghandu ghax hu ma ridtx itiha lilna b'xejn. Fuq il-post mar ukoll missier l-appellant sabiex johodlu xi hwejjeg halli jkun jista' jbiddel. L-appellant talab li jghid lill-missieru li kollox kien sew u taht is-supervizjoni sar dan. Minn hemmhekk il-missier telaq minn fuq il-post, il-partner tal-appellant hadet *over* tal-karozza biex tigi ittowjata, u huma nizzlu lill appellant l-ghassa. Hu aktar tard ipprovda c-certifikat mediku lis-surgent tal-ghassa li kkonferma mill-atti quddiem l-ewwel qorti. Jghid li l-appellant iffirma l-*breathalyzer test* u li fuq l-istess test hemm id-dettalji tal-appellant.

In kontro-ezami spjega li hallew lil partner tieghu tikkalmah u tkellmu. Dan sar ghal ammont ta'hin fejn sahansitra l-appellant ghamel sigarett u pejpu kollu. Sussegwentament dahlu huma ghaliex minn hin ghal iehor fi ftit sekondi seta' jistratja l-karozza u jahrab biha. Qal li ghal bidu l-appellant ikkopera. Jghid li l-forza li ntuzat ma rrizultatx fi ksur peress li din kienet minima u xhieda ta' dan hemm il-*bodycams.* L-appellant gholla idejh u cempel lill-avukat u ma wera l-ebda ugigh jew sinjal ta'disformazzjoni. Spjega illi huwa ilu tnax-il sena first aider volunteer u allura kellu idea ta' dawn l-affarijiet.

**<u>PC 1456 Omar Sharif</u>**[22] xehed nhar it-8 ta' Novembru, 2021 fejn qal illi nhar it-18 t' Ottubru, 2021 ghall-habta ta' 3.40pm kien ma kollega tieghu PC112 u kienu ghaddejin fuq ronda minn fejn l-ghassa ta' Bormla. F'dak il-mument huwa nnota xi nies fuq il-bankina n-naha tal-ghassa jharsu faccata. Kien hemm vettura miexja bil-bumper imkisser. Din il-vettura baqghet hierga wkoll minn fuq *stop sign* u n-nies dawrru harsithom lejha. Dak il-hin huwa ssuspetta li kien hemm xi *hit and run*, xeghel id-dawl tas-servizz u s-sirena w saqu ghal warajha. Il-vettura kienet BMW iswed u ghall-ewwel din ma waqfitx meta kellha s-sinjali kollha mixghulin u qalghet karozza ohra. Hu qalgha din il-vettura wkoll u sussegwentament il-BMW waqaf go triq l-Immakulata Bormla, fejn ir-roundabout. Huma nfurmaw lil *control room*, kif ukoll kollegi taghhom kif inhi prassi ta' dejjem. Hu nizel u seta' jinnota xufier ragel u n-numru ta' registrazzjoni kien JBT917. Hu avvicina lill-appellant u saqsih jekk kienx jaf ghaliex waqqfu, izda dan baqa' jhares lejh u deher vizibbilment konfuz u lanqas biss tkellem. Rega' staqsih u wiegbu li jista' jkun hbat. Dak il-hin, hu u l-kollega tieghu xeghlu l-cameras taghhom. Hu resaq lura sabiex imur ikellem lill-kollega tieghu fejn il-karozza tal-appellant qabdet sejra lura bl-appellant go fiha u kienet ser tibqa' diehla fil-karozza tas-servizz. Wara dan huwa ordna lill-appellant sabiex johrog mill-vettura, fejn dan ikkopera u hareg mill-vettura. Huwa gharaf lill-appellant quddiem l-ewwel qorti u kompla sabiex qal li talbuh il-partikolarijiet tieghu u saqsewh kellux il-licenzja tas-sewqan fuqu fejn dan wiegeb fin-negattiv. Hu kkonferma mal-*control room* li dan kellu licenzja valida. Hu kien staqsa lill-appellant keinx ha xi alkohol jew sustanzi fejn

[22] Fol. 36 et seq tal-process.

wiegeb fin-negattiv. L-appellant kien infurmahom li kien ghadu hiereg mill-isptar u kien qed jiehu xi medicina, hu nfurmah illi jekk dawn il-medicini kienu qed jaffetwawlu s-sewqan xorta ma setax isuq skond il-ligi. L-appellant kompla jinsisti li ma xorobx. Huma ghamlu kuntatt ma tad-distrett sabiex igibu *breathlyser test*. L-appellant beda jghidilhom li kien ser icempel lil Bjorn u jghidilhom '*you wait and see ha taraw x'ha jigri.*'. Huma ma bdewx jifhmu ghaliex beda jkellimhom hekk u gibdulu l-attenzjoni li kien qed jigi rrekordjat. Komplew jistennew u waslet il-partner tal-appellant certu Vanessa Caruana fejn din x'hin rat il-karozza qaltlu '*ara x'ghamiltilha karozza*' fejn hu wiegeb '*x'ala zobbi jien ma jinteressanix*.' Din deheret vizibilment ixxukjata w l-appellant beda jigi aktar aggressiv u agitat. Vanessa Caruana stqarret maghhom li ftit mumenti qabel dan l-incident kien ghadu kemm wassal it-tifel taghha u ghalhekk deheret vizibbilment inkwetata. Ghadda aktar hin, u waqt li kien qed jitkellem ma xi kollegi fuq ir-radio, l-appellant dahal fil-vettura sabiex igib oggett mill-pouch. Dan kellu c-cavetta f'idu u fuq struzzjonijiet sabiex jghaddijilhom, huwa qal kemm igib oggett izda pogga fuq is-seat tax-xufier. Semghu lill-partner tieghu tghidlu '*ara ma jfettilekx*', fejn kompliet tqajjem suspett li dan setgha jkun ta' periklu ghalih u ghal haddiehor. Huma staqsew diversi drabi sabiex johrog mill-vettura u jghaddilhom c-cavetta, madankollu ma riedx jikkopera. Il-partner tieghu wkoll bdiet tghidlu sabiex jghaddilhom ic-cavetta u sabiex jikkopera maghhom. Ghalhekk mbghad kienu kostretti juzaw il-forza sabiex johorguh mill-karozza. X'hin hareg mill-karozza beda jxejjer u jiftah idejh u beda jghidlhom '*x'ha taghmlu, x'ha tippruvaw taghmlu, x'minn ghalikom*' u beda jersaq lejhom b'mod aggressiv u ghalhekk kienu kostretti jimmanetjawh. L-appellant beda jirrezisti milli jaghtihom idejh u l-partner tieghu bdiet kontinwament tghidlu sabiex jikkopera mal-pulizija. Huma nfurmawh bir-raguni ghaliex kien qed jigi arrestat, apparti s-suspett tal-*hit and run* li m'obdiex l-ordnijiet taghhom. Ix-xhud jghid li l-appellant inghata d-drittijiet legali tieghu kif ukoll tal-*medical aid*. Giet karozza ohra tal-RIU sabiex tassistihom u tad-distrett kienu ghadhom ma wasslux. F'dawn il-mumenti l-appellant beda jghajjarhom bil-kelma 'liba'[23] u jheddidhom billi beda jghidilhom *issa taraw x'ser jigrilkom* u '*issa taraw x'ser naghmel*'. Gew iktar pulizija sabiex jassistu u bdew jghidulu jibqa' bilqeghda bhala

safety bil-manetti u kontinwament beda jerga' jqum, jghajjat u jidhol f'wiccu. Beda jghid li kienu qed jaqbdu mieghu u beda jghid li meta jirraporta li qed ibieghu d-droga qatt ma kienu jmorru. Wara li spjegalu diverzi drabi, l-appellant baqa' jistaqsi ghala kienu waqqfuh. X'hin waslu l-pulizija tad-distrett, huwa rega' nghata d-drittijiet legali tieghu, kif ukoll gie nfurmat li kien ser isir l-*breathlyser test* fejn dan ghazel li jikkonsulta l-avukat tieghu u sussegwentament accetta li jaghmlu. Dan irrizulta 91.1 mg. mistoqsi garrabx xi griehi jghid li le, izda l-kollega tieghu kien garrab griehi f'subajh.

In kontro-ezami jghid li huma ma tilfux l-pacenzja mal-appellant, anzi marru oltre ghax suppost b'ordni wahda kellu jobdi u jikkopera mal-pulizija, madankollu dan ma ghamlux.

**<u>Stephen Cachia</u>**[24] xehed nhar l-10 ta' Dicembru, 2021 in rapprezentanza ta' Transport Malta fejn spjega li l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni JBT 917 tal-ghamla BMW5 20 ta' kulur iswed kienet vettura registrata fuq l-appellant u li kienet ilha registrata f'ismu mis-6 ta' Gunju 2014.

**<u>Franklin Calleja</u>**[25] xehed illi ma kien hemm l-ebda appell pendenti fil-konfront tal-appellant.

**<u>PS 133 Jean Claude Mangion</u>**[26] xehed nhar l-10 ta' Dicembru, 2021 fejn spjega illi nhar it-18t' Ottubru ghall-habta tal-erbgha dahlet telefonata mis-Surgent 67, li zewg units tal-RIU il-112 u 1456 kienu waqqfu vettura JBT917 tal-ghamla BMW, fit-Triq l-Immakulata, Bormla u x-xufier li kien qieghed isuq deher li kien fis-sakra. Huwa mar fuq il-post bil-*breathlyser test*. Ix-xhud gharaf lill-appellant fl-awla u qal kif mill-ewwel xammu riha t'alkohol. Huwa tah il-*caution* li jaghtu habba l-*breathlyser* u kkuntatja lill-avukat tieghu. Sussegwentament huwa accetta li jaghmel test tan-nifs li rrizulta 91.1

[24] Fol. 58 tal-process.
[25] Fol. 64 tal-process.
[26] Fol. 65 et seq tal-process.

over 100. Hu ghadda lill-appellant l-ircevuta u nforma lill-Ispettur b'dan kollu peress liz-zewg kuntistabbli 112 u 1456 kienu qalulu li garrbu xi griehi. L-Ispettur qallu sabiex izommu taht arrest u ghalhekk hadu l-ghassa Bormla u tah l-*letter of rights*.

**PC2428 Tristan Ebejer**[27] xehed nhar l-10 ta' Dicembru, 2021 fejn muri l-istqarrija tal-appellant huwa kkonferma l-firma tieghu u li kien prezenti waqt ir-rilaxx tal-istqarrija.

**It-tabiba Victoria Cremona**[28] xehedet permezz t'affidavit fejn ikkonfermat bil-gurament ic-certifikat mediku mahrug fejn jixhed li PC 112 sofra minn griehi ta' natura hafifa.

**L-Ispettur Darren Buhagiar**[29] xehed nhar is-27 ta' Jannar, 2022 fejn qal illi nhar it-18 t' Ottubru, 2021 hu kien gie nfurmat minn PS Jean Claude Mangion li kien ghadu kemm kien sehh incident fejn kienu nvoluti membri tal-RIU, fejn persuna li kien qieghed isuq vettura tal-ghamla BMW, numru ta' registrazzjoni JBT917 kien habat ma' xi haga u baqa' sejjer fejn imbaghad kien imwaqqaf eventwalment mill-karozzi mil-membri tal-RIU. Kien infurmat li kien hemm naqra battibek bejn il-pulizija u dan il-persuna fejn gie nfurmat ukoll li kien hemm rezistenza ghall-arrest u ttiehed il-*breathalyzer test* fuq il-persuna fejn kien hareg pozittiv u l-limit kien inqabez. Hu kien ta struzzjonijiet biex dan il-persuna jittiehed gewwa l-lock up tal- Furjana u kienu qalulu wkoll li meta kien il-lock up kellu bzonn xi assistenza medika u jaf ukoll li kien ittiehed ukoll il-polyclinic tal- Furjana ghal medicina biex imbaghad fid-19 ta' Ottubru 2021 jigifieri l-ghada tal-incident kien baghat ghalih biex inkellmu, fejn tah it-twissija u li jekk irid ma jwegibx ghal mistoqsijiet li kien ser jaghmillu u fejn kien ghazel li ma jikkonsultax mal-avukat qabel l-istqarrija. L-appellant iffirma dikjarazzjoni u sussegwentament irrilaxxa stqarrija fejn ikkonferma li ghandu vettura Volkswagen Tourag numru ta' registrazzjoni GBR526 u ghandu BMW 5 Series numru ta' registrazzjoni JBT917. L-appelant kien qed isuq il-BMW minn go Bormla, u kien qed isuq lejn Haz Zabbar. L-

[27] Fol. 67 et seq tal-process.
[28] Fol. 71 tal-process.
[29] Fol. 73 et seq tal-process.

appellant qallu li kien qed ibghati naqra mid-*depression* ukoll u kien qed imur ghand il-Psikjatra Dr. Christian Said, u waqt li kien qed isuq qal li waqfuh tal-RIU. Stqasihom x'kien ghamel hazin u baqghu jghajtu mieghu imbaghad inhareg mill-karozza u saritlu tfittxija fil-karozza. Din it-tfittxija rrizultat fin-negattiv. Meta l-appellant gie mistoqsi ghalfejn ma waqafx mal-ewwel kien qallu li ma ndunax bihom mal-ewwel. Jiftakar li kien staqsih jekk waqt l-arrest mill-membri tal-RIU jekk inghatax il- *caution* dak il-hin stess u qallu iva, u li anke lahaq kellem lill- avukat. Il-karrozza kienet ittowjata peress li kellha daqqa' estensiva fuq in-naha ta' quddiem. II- *breathalyzer* kien immarka 91.1. Hu kellmu wkoll rigward il-griehi li wiehed mill-pulizija sofra waqt l-incident fejn qallu li hu ma kienx jidhirlu li ghamel girfa lill hadd, imbaghad meta urih ir-ritratt ta' wahda mill-griehi tal-pulizija, hu qallu li jista' jkun li bil-manetti stess, sakemm kienu qed jippruvaw jimmanetjawh u qallu li jista' jkun li wegga' dak il-hin. Hu gharaf il-firma tieghu, il-firma tal-appellant li huwa gharaf quddiem l-ewwel Qorti u l-firma ta' Tristan Ebejer PC2428 li kien ix-xhud tal-istqarrija. Hu pprezenta wkoll vera kopja ta' sentenza mahruga mill-Magistrat Caroline Farrugia Frendo fl-24 ta' Awwissu 2018 fl-ismijiet **<u>il-Pulizija vs Ryan John Farrugia.</u>**

In kontro-ezami jghid illi meta ha l-istqarrija lill-appellant dan tal-ahhar beda jilmenta li kien mugugh u dan ghaliex kien qal li l-pulizija kienu naqra raffi mieghu.

**<u>L-appellant Ryan John Farrugia</u>**[30] xehed nhar il-5 t' April 2022 fejn beda billi qal li lejliet kellu l-grizma tat-tifel Nigel, ghamlu festin id-dar, xorbu xi ftit u baqghu reqdin id-dar. Dakinhar tal-incident u cioe' tat-18 t' Ottubru, kien qieghed id-dar u ma kienx pjanat li johrog u fetah zewg bottijiet birra izda cemplitlu l-partner tieghu Vanessa Caruana sabiex iwasslilha t-tifel taghha Bormla, il-*polyclinic* u dan hekk ghamel. Hu u tiela' mill-polyclinic lura lejn id-dar gewwa Hal-Tarxien ghaddiet tal-linja, il-karozza tieghu naqra goffa u spicca gibed bollard. Huwa gerger tnejn imma la ma kien wegga' hadd baqa' jsuq. Hu u tiela' t-telgha sema l-pulizija u hu lanqas kien jaf li dawn kienu ghalih. Hu rega' semghahom u bdew iteptpulu d-dawl u waqaf mal-genb, qabez il-mini u qabel taqbad it-triq ghall-Fgura. Hu jghid li l-pulizija li waqfu saqsih kienx jaf

[30] Fol. 80 et seq tal-process.

ghaliex waqqfuh u hu wiegeb li kien jaf li laqat il-karozza izda mhux lil xi persuna jew vettura ohra. Talbuh jinzel mill-karozza u bil-fixkla ma tellax il-handbrake ghaliex il-karozza l-ohra li normalment isuq itella' l-handbrake wahidha. Hu nizel mill-karozza u talbuh il-licenzja tas-sewqan u hu qalilhom li ma kienitx fuqu u ghalhekk il-pulizija talbu jtih id-dettalji. Sakemm il-pulizija kien qed jiccekja bir-radio, hu fettilu jmur sal-karozza sabiex igib sigarett. Hu jghid li l-pulizija hasbuh se jsuq u hu qalilhom li kien mar sabiex igib sigarett u talbuh ic-cavetta. Hu qalilhom li ma kienx se jsuq u jekk filkaz igib lil tat-towing. Jghid li qalulu 'arrestat' u li 'qed jirrezisti l-arrest. Hu jsostni li ma ghamel l-ebda rezistenza. Kull ma jaf jghid li f'zewg sekondi qabduh u spicca wiccu mil-art immanetjat, kisrulu idejh, ghamel seba' minuti wiccu maz-zrar u ghalhekk wiccu kien kollu grif. Spjega li spiccat it-tfajla mix-xoghol u waqqfet ghax rat xeba karozzi tal-pulizija u waqfet ghax rat il-karozza tieghu. Jghid li din ippanikjat u saqsietu x'kien qed jigri u x'kien ghamel fejn dan wegibha li ma kien ghamel xejn u ma kienx jaf x'qed jigri. Jghid li t-tfajla tieghu bdiet tigbdilhom l-attenzjoni li kienu qed iweggugh u li hu kien immanetjat u ma kien ser jaghmel xejn u li hu tifel kwiet. Jghid li hu beda jghid lill-pulizija li kien mugugh u li huma qalulu li kien taht arrest u jekk kellux bzonn ta' kura medika. Jghid li haduh il-polyclinic tal-Furjana u anke hargulu certifikat. Spjega li ghal bidu kien hemm zewg pulizija mbghad gew ghoxrin. Jghid li kien gie s-Surgent ta' Rahal Gdid, kien jaf lilu personalment u ma riedx jidhol fiha u ghalhekk sussegwentament gie s-Surgent ta' Bormla. Hu jsostni illi hu qatt ma kien vjolenti. Jghid li l-partner tieghu waqfet wara li hi spiccat xoghol u kellha maghha zewgt itfal. Hu spjega li l-lejl ta' qabel hu kien xorob u dakinhar kien ha tnejn birra izda kien ghadu hiereg mill-isptar u tawh il-pirmli wkoll. Issa jekk immarkax hekk il-*breathlayer* ghalhekk ma jafx jghid.

In kontro-ezami mistoqsi jekk hux minnu li l-pulizija qalulu ghal darba tnejn u tlieta sabiex johrog mill-karozza izda hu ddecieda li ma jobdix, huwa wiegeb li l-ewwel darba hareg izda t-tieni darba jghid li baqa' fil-karozza ghaliex ma kienx se jahrab. Jghid li meta ghamel tahtu u gie missieru bil-hwejjeg ma halluhx ikellmu. Mistoqsi meta mmanetjaw u kellu wiccu mil-art prezenti kien hemm il-partner tieghu u ghalhekk ma setghux jabbuzaw mill-poteri taghhom, hu wiegeb illi dawn ma

trattawhx sew. Mistoqsi jekk il-*breathalyser* sarx qabel jew wara li mmanetjawh u jghid li ma jiftakarx. Hu qal li qalu lil-partner tieghu li kienu ser jarrestawa jekk tibqa' tersaq vicin u dan id-diskors qalitulu hi.

**Vanessa Caruana**[31] xehedet nhar il-5 t' April 2022 fejn qalet illi hija l-partner tal-appellant. Qalet illi dakinhar tal-incident hija tablet lill-appellant jihdilha t-tifel il-polyclinic ta' Bormla fejn tahdem hi. Hi tghid li hi u se titlaq mix-xoghol rat hafna karozzi tal-pulizija u l-karozza tal-appellant. Tghid li hi nizlet staqsietu x'kien gara u ma xiex kien laqghat il-karozza. Tghid li l-appellant ried ipejjep sigarett u mar sabiex igib wiehed u l-pulizija hasbu li kien ser jahrab izda c-cavetta ma kienitx fl-ignition. Il-pulizija qalulu sabiex itihom ic-cwievet u peress li ffissat fuq il-karozza qalilhom li kien ser icempel lil tat-towing hu. Hi qalet li lill-pulizija qaltilhom sabiex tkellmu hi u c-cwievet ihallihom ghandha ghax l-appellant jibza hafna ghall-karozza. Tghid li ma semghux minnha u kienu aggressivi mal-appellant. Spjegat illi tant kienu aggressivi li hasbet li se jkissru l-karozza minn gewwa. Tghid li meta qaltlu hekk lill-pulizija ma qalilha xejn u ha azzjoni b'idejh. Spjegat illi l-appellant beda jghid illi bdew iweggghuh. Tghid li ma setax l-appellant weggghalu subajh ghax kien immanetjat u idejh fuq wara. Tghid li mmanetjah l-istess pulizija li pogga rkobbtejh fuqu. Tghid li lanqas hallew lill-appellant ikellem lill-missieru. Tghid li l-appellant ma ghamel xejn hazin fil-konfront taghhom, izda ma riedx jaghtihom ic-cavetta. Tghid li l-pulizija webbsu rashom ghaliex kieku l-appellant ghadda c-cwievet lilha dan kollu ma kienx jigri. Mistoqsija li mal-wasla taghha hija kienet *concerned* fuq il-karozza, tghid li ghall-ewwel iva izda meta ghamlu hekk lill-appellant li jigi l-partner taghha, hi li kien jinteressaha mis-sahha tal-partner taghha.

In kontro-ezami ssostni illi hija lmentat mal-pulizija ghal mod ta' kif bdew jagixxu mal-appellant. Tishaq li kienet prezenti meta sar il-breathlyser test u li dan kien sar wara li l-appellant kien immanetjat.

[31] Fol. 117 et seq tal-process.

**Dr Kenneth Buhagiar**[32] u **Dr Andrei Yarovoy**[33] xehedu dwar il-ksur li kellu l-appellant u li din il-Qorti mhux ser tkun qed talabora daqshekk fuqhom ghaliex ftit li xejn jirrigwardjaw l-aggravi mressqa mill-appellant.

**Ikkunsidrat**,

Illi primarjament, din il-Qorti tibda billi tghid illi minkejja li **l-ewwel aggravju** tal-appellant igib it-titlu ta' '*Nuqqas gravi ta' fatti li jwasslu b'mod univoku ghar-reat adebitat lilll-appellant fir-rigward tas-sebgha imputazzjoni*' wiehed jista' jinnotta illi l-istess appellant iqajjem diversi punti legali u fattwali li m'ghandhom xejn x'jaqsmu ma dan. Minkejja li din il-Qorti ser taghmel l-almu taghha sabiex tippronunzja ruhha fuq il-punti kollha sollevati mill-appellant, ma taprezzax dan it-tip ta' stil konfozjunarju f' rikors t'appell.

**Fl-ewwel lok**, l-appellant taht l-ittra **A** ta' dan l-aggravju, jghid illi kienet zbaljata l-ewwel Qorti meta applikat l-Artikolu 15(H) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta fis-sentenza taghha u dan stante li l-prosekuzzjoni ma ghamlet l-ebda talba f'dan ir-rigward fl-att t'akkuza.

L-Artikoli 15H(1) u 15H(2) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdu s-segwenti:

> *15H. (1) Kull persuna li tikser xi dispożizzjonijiet tal-artikoli 15A u 15B tkun ħatja ta' reat u meta tinsab ħatja ta' reat bħal dak jew ta' reat taħt l-artikolu 15E(4) teħel –*
>
> *(a) fil-każ tal-ewwel kundanna, multa ta' mhux anqas minn elf u tmien mitt euro (€1,800) jew priġunerija għal mhux iżjed minn sitt xhur jew għal dik il-multa u priġunerija flimkien;*

[32] Fol. 130 et seq tal-process
[33] Fol. 134 et seq tal-process.

*(b) fil-każ tat-tieni kundanna jew ta' kull kundanna oħra warajha multa ta' mhux anqas minn tlett elef euro (€3,000) jew priġunerija għal mhux iżjed minn sena jew għal dik il-multa u priġunerija flimkien.*

*(2) B'żieda mal-pieni taħt is-subartikolu (1), il-qorti* ***għandha***[34] *tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew jottjeni xi liċenza tas-sewqan fil-każ tal-ewwel kundanna għal żmien ta' mhux anqas minn sitt xhur, u fil-każ tat-tieni kundanna jew ta' kull kundanna oħra warajha għal żmien ta' mhux anqas minn sena:*

Ghaldaqstant permezz tal-kelma '*ghandha*' fl-artikolu sucitat, il-Qorti hija kostretta tapplika l-Artikolu 15H(2) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghalhekk din il-Qorti hija tal-fhema li la l-appellant instab hati taht l-Artikoli 15A u 15B tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta, l-ewwel Qorti kellha tapplika l-Artikolu 15H(2) u mhux xi prerogativa taghha taghmilx dan jew le. Issir referenza f'dan is-sens ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Christian Micallef**[35] fejn gie ritenut illi:

*'...Is-sospensjoni tal-liċenza tas-sewqan imposta mill-Qorti tal-Maġistrati mhix diskrezzjonarja fuq il-Qorti iżda ordnata tassattivament mill-Liġi. Dan jirriżulta wkoll ċar minn diversi każijiet ta' din il-Qorti kemm kif presjeduta kemm presjeduta minn Imħalfin oħra.*[36] ***Jiġifieri s-sospensjoni tal-liċenza tas-sewqan, skont il-Liġi trid tingħata bil-fors bis-saħħa tal-artikolu 15H(2) tal-.Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta.***

[34] Enfasi ta' din il-Qorti. Ara wkoll **Il-Pulizija vs Ramon Zammit** deciza minn din il-Qorti kif diversament ippreseduta nhar l-20 t' April, 2023.
[35] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-27 t' Ottubru, 2020.
[36] *Ara* ***Il-Pulizija vs Silvio Coleiro****, Qorti tal-Appell Kriminali, deċiża nhar il-15 t'Ottubru 2019;* ***Il-Pulizija vs Kevin Charles Camilleri****, Qorti tal-Appell Kriminali, deċiża nhar il-5 ta' Settembru 2019;* ***Il-Pulizija vs Ahmad Abu Hassan,*** *Qorti tal-Appell Kriminali, deċiża nhar it-28 ta' Mejju 2019.*

*8. Dan l-artikolu jgħid li l-Qorti għandha, fil-każtal-ewwel kundanna, tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew jottjeni xi liċenza tas-sewqan għal żmien ta' mhux anqas minn sitt xhur meta jiġi misjub ħati tar-reati msemmija fl-artikoli 15A u 15B tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, bħal ma ġara f'dan il-każ.*

*9. **Il-Qorti tal-Maġistrati ma kellhiex għazla – ladarba waslet li ssib il-ħtija fl-imputat, hija kienet kostretta li timponi wkoll is-sospensjoni.** Inoltre jirriżulta wkoll illi l-imposizzjoni tat-terminu ta' sitt xhur sospenzjoni tal-liċenza tas-sewqan kienet fil-parametri legali, billi l-minimum ma jistax ikun inqas minn sitt xhur. F'dan il-każ il-Maġistrat applika din is-sospensjoni fil-minimum tagħha – ċjoe dik ta' sitt xhur. Il-Maġistrat ma setgħax imur taħt din is-solja ta' sitt xhur.'*

Illi ghalkemm huwa minnu li fil-kumparixxi ma nsibux referenza specifika ghall-Artikolu 15H tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta'Malta, insibu s-segwenti kelmiet: '*Il-Qorti mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi...*'. Id-dicitura tal-Artikolu 15H(2) jibda billi jghid '*b'zieda mal-pieni taht is-subartikolu (1)*' u ghalhekk din il-Qorti tibqa' tishaq li l-ewwel qorti agixxit skond dak provdut mill-ligi.

L-appellant jargumenta illi anke ghas-sahha tal-argument biss l-Artikolu 15H seta' jigi applikat minkejja ma kienx hemm referenza ghalih fil-kumparixxi, xorta wahda fil-kaz odjern ma setax jigi applikat minhabba n-nuqqas t'evidenza ulterjuri minn dik tal-*breathalyser test* sabiex tinstab htija taht l-Artikolu 15A tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan il-punt gie eleborat iktar il-quddiem taht dan l-aggravju u ghalhekk din il-Qorti sejra titratta dan il-punt aktar l-isfel.

**<u>Fit-tieni lok</u>**, taht l-itta **B**, l-appellant jilmenta illi r-rapport tal-incident li gie mhejji minn PS 133 ma joffrix bizejjed dettall u jidentifika nuqqasijiet da parte tal-prosekuzzjoni. L-appellant qieghed jghid illi huwa ma giex moghti l-informazzjoni

kollha mehtiega u li fl-istess rapport bilkemm hemm referenza ghall-Artikolu 95 tal-Kodici Kriminali. PC112 u PC1456 fil-*bodycam footage* jinstemghu ituh ir-raguni ghaliex kienu waqqfuh u minuti wara jinstemghu b'mod car ituh l-informazzjoni ghaliex kien qieghed jigi arrestat u dan stante li bdew jitolbuh johrog mill-karozza u jtihom ic-cwievet, izda hu ghazel li ma jikkoperax u baqa' jzomm mal-isteering tal-karozza biex ma johorguhx minnha. Illi sussegwentament mbaghad l-affarijiet eskalaw ghaliex ghajjar u ngurja lill-pulizija b'mod dirett. Din il-Qorti, fliet l-atti u l-evidenza kollha migjuba quddiem l-ewwel Qorti u ma jidhrilix illi din il-parti tal-ewwel aggravju ghandha tigi akkolta. Illi din il-Qorti tfakkar ukoll illi din hija Qorti Kriminal u ghaldaqstant jekk l-appellant jemmen li gew lezi xi drittijiet fundamentali tieghu, ghandu jindirizza dan fil-forum adegwat u cioe' fil-Qrati Kostituzzjonali u mhux quddiemha.

**Fit-tielet lok**, taht l-ittra **C,** l-appellant jghid illi l-prosekuzzjoni ma ressqet ebda tip ta' prova ohra illi tista' 'l hinn minn kull dubbju ragonevoli illi nhar it-18 t' Ottubru, 2021 l-appellant kien qieghed isuq il-vettura tieghu bi ksur tal-Artikolu 15A tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta. L-appellant ikompli jghid illi l-unika prova kienet dik tal-*breathalyser test* li jwassal biss ghall-prova tal-akkuza taht l-Artikolu 15B(1) u mhux dik migjuba ai termini tal-Artikolu 15A(1) tal-Kodici Kriminali. Ghalhekk l-appellant jargumenta illi l-ewwel qorti naqset milli tapplika l-*best evidence rule*.

Illi l-**Artikolu 15A tal-Kap 65** tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi s-segwenti:

> *'15A. (1) Ebda persuna ma għandha ssuq jew tipprova ssuq jew ikollha l-kontroll ta' vettura bil-mutur jew vettura oħra li tkun fit-triq jew f'post pubbliku ieħor jekk ma tkunx f'kundizzjoni li ssuq minħabba xorb jew drogi.*
>
> *(2) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, persuna titqies li m'hijiex f'kundizzjoni li ssuq jekk il-kapaċità tagħha li ssuq sew tkun għal xi ħin imnaqqsa.'*

Illi fis-sentenza bl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Marlon Montebello**,[37] din il-Qorti diversament preseduta kienet ikkonsidrat is-segwenti:

*'Kif din il-Qorti kellha okkazzjoni tosserva fis-sentenza taghha tat-2 ta' Settembru, 1999 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Francis Pace**, biex jigi deciz jekk persuna kienitx qed issuq "meta l-kapacita` taghha li ssuq sew [kienet] ghal xi hin imnaqqsa" minhabba xorb (jew drogi) bi ksur ta' l-Artikolu 15A, wiehed jista' jiehu in konsiderazzjoni provi ohra, cioe` apparti mir-risultat o meno ta' l-analizi maghmula skond l-Artikolu 15E. Tali prova ohra tista' tinkludi l-komportament u l-kundizzjoni fizika tas-sewwieq, kif ukoll ir-risulatat tat-test (preliminari) tan-nifs maghmul taht l-Artikolu 15C. Kwantu ghall-hekk imsejjha "caution", din it-twissija (cioe` t-twissija li n-nuqqas jew rifjut li wiehed jaghti kampjun tan-nifs hu reat) hi mehtiega biss sabiex il-pulizija tkun tista' tarresta lil minn hekk jonqos milli jaghti l-kampjun ghat-test tan-nifs (mhux ghall-analizi), u dan skond l-Artikolu 15D(b); ghall-finijiet tar-reat kontemplat fl-Artikolu 15E(4) ebda twissija ma hi mehtiega (ara **Il-Pulizija v. Emanuel Camilleri**, App. Krim., 30 ta' April, 1999, u **Il-Pulizija v. Anthony Cutajar**, App. Krim., 2 ta' Settembru, 1999).'*

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Francois Zammit**,[38] din il-Qorti kif diversament ippreseduta wkoll ghamlet referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Francis Pace**, u anke kompliet billi ghamlet referenza ghall-gurisprudenza ohra:

*'23. Fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Etienne Turner** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali presjeduta mill-Imħallef Vincent De Gaetano nhar is-6 ta' Ġunju 2003 fejn ġie ritenut li:*

[37] Deciza nhar id-9 ta' Frar, 2021.
[38] Deciza nhar il-5 ta' Dicembru, 2019.

*Kif din il-Qorti kellha l-okkazjoni li tfisser f'diversi sentenzi taghha (ara **Il-Pulizija v. Francis Pace** App. Krim. 2/9/1999; **Il-Pulizija v. Claire Falzon** App. Krim. 5/3/2001) ghall-fini tar-reat kontemplat fl-Artikolu 15A(1) jista' jittiehed in konsiderazzjoni anke r-rizultat tar-roadside test li flimkien ma' provi ohra jkunu juru lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni li s-sewwieq ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb. Fil-kaz in dizamina din il-Qorti tara li fuq il-provi li rrizultaw l-ewwel qorti ma setghetx tillibera mill-ewwel imputazzjoni, imputazzjoni li tipotizza proprju r-reat kontemplat fl-imsemmi Artikolu 15A(1) tal-Kap. 65.*

*24.Illi dawn il-principji imħadmin fil-prattika jidhru wkoll mis-sentenza ta' din il-Qorti presjeduta mill-Imħallef Michael Mallia nhar l-20 ta' Frar 2014 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Matthew Munro** minn fejn tirriżulta l-analiżi li kienet għamlet dik il-Qorti biex irribadiet il-ħtija fl-appellant, u ċjoe bil-mod segwenti: -*

*Din il-Qorti kellha diversi okkazzjonijiet sabiex tirrimarka, li ghal fini ta' l-Artiklu 15A tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta, il-breathalyzer test huwa wiehed mill-provi, izda mhux l-unika, li l-Prosekuzzjoni tista' ggib quddiem il-Qorti sabiex tipprova li dak li jkun ma kienx f'kondizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi. F'dan il-kaz, hemm ix-xhieda ta' PS 1074 Stivala, PC 869 Gauci u PS 928 Ramon Mifsud Grech, fejn ilkoll xhedu li l-appellant kellu riha qawwija ta' alkohol fin-nifs, kien ukoll agitat minbarra l-fatt li kien hu stess kien li ammetta maghhom illi kien xurban. Ghalhekk il-Qorti ssib illi l-ewwel Qorti, fuq il-provi illi kellha quddiemha setghet ragonevolment u legalment tasal ghal konkluzzjoni illi ssib lill-appellant hati ta' l-ewwel imputazzjoni.*

*25.Illi fis-sentenza **<u>Il-Pulizija vs Ramon Fenech</u>** mogħtija minn din il-Qorti presjeduta mill-Imħallef Michael Mallia nhar is-26 ta' Marzu 2015 ingħad is-segwenti : -*

*Ghal dak li jirrigwarda s-sewqan ma jidhirx illi kien hemm xi haga partikolarment hazina fis-sewqan tal-appellat. Veru illi baqa' diehel fuq il-karozza ta' quddiemu imma dan seta' kien sforz ta' traskuragni jew nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-appellat, izda mhux minhabba xorb jew drogi. Persuna jista' jkollha rieha ta' xorb però b'daqshekk ma jfissirx illi ma kinitx f'kondizzjoni li ssuq. Biex tasal ghal dik il-konkluzjoni <u>dan irid ikun abbinat ma' xi haga ohra bhal sewqan erratiku jew inkella rizultat ta' breathalyzer test mehud skont il-ligi</u>. Ghalhekk hawn ukoll il-Qorti ssib illi ma tistax issib htija ghal dak li jirrigwarda t-tieni akkuza.*

*26. Illi posizzjoni simili ġiet ukoll imħadna fis-sentenza deċiża nhar il-21 ta' Jannar 2016 minn din il-Qorti presjeduta mill-Imħallef Edwina Grima fis-sentenza **<u>Il-Pulizija vs Raymond Debono</u>** fejn ġie mistqarr illi :*

*Dak li kellu jigi stabbilit allura, skont it-taghlim gurisprudenzjali surriferiet huwa jekk l-kumpless tal-provi kenux sufficjenti sabiex iwassal lill-Ewwel Qorti ghall-konkluzjoni b'sahhitha li l-appellanti kien xurban fil-waqt li kien qieghed isuq, u li l- istat tieghu ta' sokor kien tali li affettaw l-mod tas-sewqan tieghu. Illi din il-Qorti tqies illi fic-cirkostanzi l-provi kienu kemmxejn fjakki sabiex iwasslu ghal decizjoni lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni dwar ir-reita ta' l-appellanti. Dan ghaliex ghalkemm huwa minnu illi kemm Baldacchino kif ukoll il-pulizija xammew riha ta' xorb fin-nifs ta' l-appellanti, madanakollu fin-nuqqas ta' prova xjentifika li tista' tissostanzja dawn l-allegazzjonijiet huwa kemmxejn difficli jigi stabbilit jekk l- alkohol ikkunsmat mill-appellanti kienx tali li iwasslu*

> *fi stat ta' intossikazzjoni tant severa li din kellha effett fuq is-sewqan tieghu. Fuq kollox jidher illi l-appellanti indarab serjament f'dan is-sinistru stradali u kwindi n-natura tal-griehi sofferti minnu setghu ikkontribwew ghad-dehra "zbilancjata" tieghu. Illi jigi rilevat illi l-ufficjali tal-pulizija li investigaw dan il-fatt, it-tnejn huma konkordi meta ighidu illi r-riha ta' xorb li xammew fin-nifs ta'l-appellanti kien wiehed "hafif". Maghmul dan l-apprezzament, allura huwa ferm difficli ghal din il-Qorti tasal ghal konkluzjoni illi l-appellanti kien fi stat illi ma kellux kontroll shih fuq ilvettura tieghu, anke jekk ghal xi perijodi momentanji, minhabba xi xorb li seta' ikkonsma, iktar u iktar fid- dawl tal-fatt illi l-appellanti ma kienx f'posizzjoni jiehu it-test tan-nifs minhabba l-griehi li sofra u mhux minhabba rifjut ingustifikat da parti tieghu. Prova ohra dwar jekk fil-verita l-appellanti kienx ikkonsma alkohol f'dik il-lejla ma hemmx. Din il-Qorti ma tistax tasal ghal sejbien ta' htija abbazi ta' dak li hu probabbli mic-cirkostanzi, izda biss abbazi ta' dawk il-provi lil hinn minn kull ombra ta' dubbju dwar ir-reita'. Il-provi li hemm fl-atti ma jilhqux dan il-grad u allura ma humiex sufficjenti tali illi jistghu iwasslu ghal kundanna. Ghaldaqstant abbazi ta' dawn ir- rizultanzi processwali il-Qorti ser tilqa' dan l-ewwel aggravvju imressaq 'il quddiem mill-appellanti.'*

Illi dan ifisser li ghall-fini ta' integrazzjoni tar-reat taht l-artikolu 15A tal-Kapitolu 65 din il-Qorti tista' tiehu in konsiderazzjoni provi ohra apparti mir-rizultat o meno tal-analizi maghmula skont l-artikolu 15E tal-Kapitolu 65, li jistghu jinkludu l-komportament u l-kundizzjoni fizika tas-sewwieq. Issa din il-Qorti ma ghandha l-ebda dubju f'dan il-punt illi il-provi mressqa mill-prosekuzzjoni, u cioe' il-komportament tal-appellant, l-kolluzzjoni li kellu ma' bollard u r-rieha tal-alkohol li kellu fuqu, jikkonvincu lil din il-Qorti 'l hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li r-reat hekk kif kontemplat taht l-artikolu 15A tal-Kapitolu 65 jirrizulta sodisfacentament ippruvat.

Madankollu, l-appellant qiegħed jilmenta illi filwaqt li t-test tal-*breathlyser* kien bizejjed bhala prova sabiex hu jinstab hati taht l-Artikolu 15B, mhux l-istess jista' jinghad ghall-Artikolu 15A tal-Kap. 65 tal-ligijiet ta' Malta. F'dan ir-rigward din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **<u>il-Pulizija vs Anthony Muscat</u>**[39] fejn kien gie ritenut hekk:

> '..***<u>Fil-fehma tal-Qorti r-reat kontemplat f'dana l-Artkolu 15A(1) huwa kompriz u involut f'dak kontemplat fl-Artikolu 15B. Filwaqt li fil-kaz tal-Artikolu 15B ir-reat hu marbut ma' livell partikolari ta' alkohol fin-nifs, fid-demm jew fl-urina – fis-sens li appena jinqabez dak il-limitu hemm il-presunzjoni juris et de jure li dak li jkun ma kienx f'kundzzjoni li jsuq minhabba x-xorb – fl-kaz tal-Artikolu 15A(1) il-legislatur ma ppreskriva ebda livell partikolari ta' alkohol fis-sistema tas-sewwieq, b'mod li anke b'livell anqas minn dak "preskritt" tista' tinstab htija taht dana l-artikolu jekk oggettivament ikun jirrizulta li s-sewwieq ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb (jew drogi). Fi kliem iehor, persuna li tkun akkuzata taht l-artikolu 15B tista' ma tinstabx hatja taht dana l-artikolu izda minflok tinstab hatja taht l-Artkolu 15A(1).'</u>***

Illi ghaldaqstant, dak li qed jghid l-appellant ma ghandux mis-sewwa u kif diga' gie ritenut *supra*, bil-provi migjuba quddiem l-ewwel Qorti, din il-Qorti jidrilha illi l-prosekuzzjoni rnexxila tipprova sal-grad rikjest mill-ligi li l-appellant kellu jinstab hati ta' ksur tal-Artikolu 15A tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

**<u>Fir-raba' lok</u>**, taht l-ittra **D,** l-appellant jittanta jqajjem dubju fuq il-kredibbilta'ta' PC112 u PC 1456 u dan stante l-fatt li jezistu xi diskrepanzi bejn dak li ddeponew huma u dak li jirrizulta mill-NPS Report. Illi l-Qorti fliet l-evidenza kollha, inkluz il-*bodycam footage*, li juri b'mod car x'gara dakinhar tal-incident mertu ta' dawn il-

[39] Deciza minn din il-Qorti kif diversament ippreseduta nhar it-23 t' April, 2024.

proceduri. In oltre, din il-Qorti rat ukoll it-testimonjanzi tax-xhieda, b'mod partikolari ta' PC 112, PC 1456, tal-appellant u tal-partner tieghu Vanessa Caruana. A skans ta' hafna repetizzjoni, din il-Qorti mhux sejra tipproduci dak li qalu dawn ix-xhieda hawnhekk billi iktar il-fuq diga' nsibu x'qalu dawn ix-xhieda fil-qosor. Illi din il-Qorti tghid illi meta hija rat u fliet il-*bodycam footage*, hija setghet tinnotta certu inkonsistenzi mix-xhieda kollha. Kif diga gie ritenut *supra*, hija sfida ghall-gudikant sabiex jasal ghall-verita' storika meta jkollu quddiemu verzjonijiet kunflingenti, madankollu, l-*bodycam footage* ghen f'dan ir-rigward u dan stante l-Qorti setghet tara u tifli ezatt x'gara dakinhar. Meta wiehed jizen u jgharbel il-verzjonijiet tax-xhieda *a tempo vergine*, b'kuntrast ma kif xehedu quddiem l-ewwel qorti, din il-Qorti tghid illi PC 112 u PC 1456 kienu fil-maggorparti ta' dak li qalu konsistenti u ghalhekk ma jidhrilix li ghandha tilqa' din il-parti tal-aggravju.

**<u>Fil-hames lok</u>**, taht l-ittra **E,** l-appellant qed jghid illi ma giex mgharraf jew imwissi preventivament bir-riperkussjonijiet legali kollha illi kien ikollu jaffacja f'kaz li jirrifjuta l-*breathalyser test*. Ghalhekk huwa jinsisti li l-ewwel qorti kellha tiskarta l-prova tat-test tal-breathalyser u ghalhekk ma kellux jinstab hati taht l-Artikoli 15A u 15B tal-Kap. 65 tal-ligijiet ta' Malta.

Fil-kawża **<u>Il-Pulizija vs. Claude Pisani</u>** deċiża minn din il-Qorti kif diversament ippresjeduta nhar is-26 ta' Novembru 2020, intqal kif in kwantu wħud mid-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta jġorru piena karċeraja u għalhekk ikun jispetta lill-uffiċjali tal-Pulizija li jamministra d-drittijiet li jkunu jispettaw lis-suspettat qabel ma dan jirrilaxxja dikjarazzjonijiet inkrimanti. F'dak il-każ ir-reat in diżamina kien dak ikkontemplat fid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 15E tal-Kapitolu 65 tal-Liġijet ta' Malta:

> *'51.Il-konsegwenza legali li llum titnissel mit-test tan-nifs magħmul bl-Alcovisor Professional Breath Alcohol Analyser; Model Jupiter iġġib il-konsegwenza li r-riżultati jkunu jgħoddu daqslikieku kienu meħuda bl-istrument approvat u b'hekk jistgħu jiġu ammessi bħala prova favur*

*jew kontra s-sewwieq fi proċeduri kriminali li l-eżitu tagħhom tista' tkun piena karċerarja. Dawn huma konsegwenzi li jistgħu jkunu ta' preġudizzju għas-sewwieq. Biex jagħmel tajjeb għal dan il-potenzjali preġudizzju, kull sewwieq li jsib ruħu f'dik is-sitwazzjoni ta' suspett raġjonevoli għandu, qabel ma huwa jkun issottometta ruħu għal tali test tan-nifs, jiġi debitament imwissi mill-Aġent tal-Pulizija dwar id-drittijiet tiegħu ta' suspettat li wettaq reati kriminali punibbli bi priġunerija nonche li jingħata t-twissijiet relattivi għall-fini tat-test tan-nifs.'*

Fl-appell fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs. Raymond Grech Marguerat</u>** deċiża nhar it-28 ta' Ġunju 2017 intqal:

***'Illi l-Qorti tqies illi t-twissija meta jkun ser jigi issomministrat t-test tan-nifs ghandha tigi spjegata car u tond. Dan ghaliex din mhijiex is-solita twissija li hija ikkontemplata fil-ligi ghaliex il-ligi tippresuponi l-htija meta jkun hemm ir-rifjut u allura l-pulizija investigattiva ghandha tkun attenta doppjament meta jinghata l-caution f'dawn il-kazijiet fejn allura l-persuna suspettata ghandha tinghatat d-dritt li tikkonsulta ma' avukat qabel ma taghti t-twegiba taghha billi b'tali twegiba tkun tista' tinkrimina ruhha.*** *Fil-fatt il-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem testendi it-tifsira ta' "criminal charge" mill-mument illi persuna tkun ser tigi affetwata minn xi att investigattiv tal-pulizija (ara Alexander Zaichenko vs Russia – 18/02/2010): "The Court reiterates that in criminal matters, Article 6 of the Convention comes into play as soon as the peson is "charged"; this may occur on a date prior to the case coming before the trial court, such as the date of arrest, the date when the person concerned was officially notified that he would be prosecuted or the date when the preliminary investigations were opened. 'Charge' for the purposes of article 6(1) may be defined as the official notification given*

*to an individual by the competent authority of an allegation that he has committed a criminal offence" a definition that also corresponds to the test whether the situation of the person has been substantially affected.*

*Dan ifisser allura illi mill-mument ta' l-arrest ta' l-appellat meta ittiehed mill-post tal-incident lejn l-ghassa tal-pulizija huwa kellu jigi moghti l-jedd jikkonsulta ma' l-avukat tal-fiducja tieghu qabel ma jinkrimina ruhu bir-rifjut tieghu li joqghod ghat-test tan-nifs li kien qed jigi mitlub jaghmel, iktar u iktar meta kollox kien qed jindika illi l-appellat ma kienx qed jifhem dak li kien qed jinghad lilu. Ghal dawn il-motivi ghalhekk din il-Qorti issib illi ma tistax taqleb id-decizjoni liberatorja moghtija mill-Ewwel Qorti.'*[40]

Illi mill-*bodycam footage* jirrizulta illi l-appellant gie moghti d-drittijiet tieghu qabel ghazel li jaghmel il-*breathlyser test* u cioe' gie spjegat lilu fi kliem semplici illi jekk jaghzel li ma jaghmilx it-test kien ser imur il-Qorti, jekk jaghzel it-test u jirrizulta pozittiv ukoll kien ser imur il-Qorti izda jekk kien iddecieda li jaghmel it-test u jirrizulta fin-negattiv, ma jmurx il-Qorti ghalhekk.[41] L-appellant qal li kien lest jaghmel it-test, izda PS 133 staqsih '*Lill-avukat m'intix ha tkellmu laqas hux hekk, qabel taghmlu, lill-avukat*?'[42] fejn l-appellant wiegeb li ried ikellem lill-avukat. Il-Qorti nnutat mill-*bodycam footage* li l-avukat gie kkuntatjat u anke Surgent li kien prezenti kien spjegalu x'gara, madankollu nqatghet il-linja meta gie biex ikellmu l-appellant.[43] Sussegwentament jidher illi minkejja tentattivi ohrajn, sabiex l-appellant ikellem lil avukat jidher li dan ma rnexxilux jaghmel dan, fil-fatt is-Surgent jinstema jghid il-kliem '*ma jridx ikellmu*'.[44] F'dan il-punt regghet giet ripetuta l-*caution* f'dan ir-rigward u l-pulizija bdew isaqsuh jekk hux ser jaghmel il-*breathlyser test* jew le. Sussegwentament l-appellant iddecieda li jaghmel it-test u pulizija prezenti jinstema

---

[40] Ara wkoll **Il-Pulizija vs. Claude Formosa** deciza minn din il-Qorti kif diversament ippreseduta nhar it-23 ta' Lulju 2019.
[41] Din it-tip ta' caution inghatat darbtejn u cioe' madwar 1.35.33 u anke fil-hin 1.45.28.
[42] Fil-hin 1.35.22 tal-*bodycam footage.*
[43] Ara l-*bodycam footage* madwar il-hin 16.56.53.
[44] Ara l-*bodycam footage* madwar il-hin 16.59.23.

jghid '*Imghad kellem lill-avukat u ghidlu x'gara u ma garax'*. Madankollu, dan certament mhux kif kellhom jimxu l-affarijiet. Primarjament, id-dritt tal-avukat ma jinghatax b'mistoqsija hekk: *Lill-avukat m'intix ha tkellmu laqas hux hekk, qabel taghmlu, lill-avukat*?'; u sekondarjament meta l-appellant ma rnexxilux jitkellem sew mal-avukat tal-ghazla tieghu, il-pulizija kellhom joffrulu l-possibilita' li dan seta' jaghmel kuntatt m'avukat tal-ghajnuna legali, izda dan ma jidhirx li sar qabel huwa ghamel il-*breathlayser test*. Din il-Qorti taghmel referenza ghas-subinciz erbgha (4) tal-Artikolu 355AUA tal-Kodici Kriminali li jipprovdi hekk:

> *(4) Malli tkun saret talba għall-assistenza legali, il-persuna suspettata jew akkużata għandha tingħata lista ta' avukati mfassla mill-Kamra tal-Avukati u mill-Kamra tal-Prokuraturi Legali u sottomessa darba kull sena lill-Pulizija Eżekuttiva u lil kull awtorità oħra għall-infurzar tal-liġi jew awtorità ġudizzjarja, li minnha l-persuna akkużata jew suspettata tista' tagħżel avukat ta-għażla tagħha. Alternattivament, il-persuna suspettata jew akkuzata tista' tagħżel sabiex tkun assistita minn Avukat tal-Għajnuna Legali f'liema każ l-Avukat tal-Għajnuna Legali għandu jassenja avukat għal dan il-għan.*

Illi kif diga gie ritenut, l-appellant indika lill-pulizija mill-ewwel l-avukat tal-ghazla tieghu. Jigi accennat illi meta l-appellant wera x-xewqa li jikkomunika mal-avukat tieghu, PC 112 mar fuq il-partner tal-akkuzat sabiex jara ghandhiex in-numru tal-avukat sabiex l-appellant ikun jista' jkellmu. Hija wiegbet fin-negattiv u qalet li kienet ser iccempel lill-omm l-appellant. PC 112 jinstema jghid lill-partner tal-akkuzat il-kliem '*jekk le, filkaz naraw tal-legal aid...*'.[45] Madankollu, ghalkemm is-Surgent kellem lill-avukat u spjegalu dwar xiex l-appellant jinsab arrestat, wara diversi tentattivi l-appellant ma rnexxilux ikellem lill-avukat tieghu b'success. Infatti meta PS 133 staqsa jekk l-appellant kienx kellem lill-avukat, iktar minn pulizija wiehed wiegbu li kien ser ikellmu wara.[46] Il-pulizija ma kellhomx jinsistu mal-appellant biex jaraw hux ser

[45] Jinstema jghid dan fil-bodycam footage 03:06:32.
[46] Dan jirrizulta fil-bodycam footage 03:17:19.

jaghmel it-test jew le, imma kellhom ituh l-ghazla li jekk ried stante li ma rnexxilux jitkellem mal-avukat tal-ghazla tieghu, seta' anke jikkomunika m'avukat tal-ghajnuna legali izda fl-ebda hin ma jirrizulta li dan sar. Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, ghandha tigi akkolta din il-parti tal-ewwel aggravju u cioe' tal-hames lok. Dan qieghed isir stante in-nuqqasijiet sucitati u ghalhekk din il-Qorti ma ghandiex ghazla ohra ghajr li tiskarta l-prova tar-rizultat tal-*breathlyser test* u kwalunkwe referenza ghaliha.

Di piu', filwaqt li din il-Qorti hija tal-fhema illi r-reat taht l-Artikolu 15A tal-Kap 65 tal-ligijiet ta' Malta xorta wahda jirrizulta u dan minhabba l-kolluzzjoni li kellu l-appellant, l-komportament u r-riha tal-alkohol li kellu fuqu l-istess appellant, mhux l-istess jinghad ghar-reat taht l-Artikolu 15B tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta, fejn stante li gie skartat ir-rizultat tal-*breathlyser test*, din il-Qorti ma ghandiex ghazla hlief li tillibera lill-appellant minn din l-imputazzjoni. In oltre, din il-Qorti taghmel referenza ghad-dicitura tal-Artikolu 15H tal-Kap 65 tal-ligijiet ta' Malta li tistipula illi: '*Kull persuna li tikser* ***<u>xi dispożizzjonijiet tal-artikoli 15A u 15B</u>*** *tkun ħatja ta' reat u meta tinsab ħatja ta' reat bħal dak jew ta' reat taħt l-artikolu 15E(4) teħel..'* u sussegwentament l-artikolu 15H(2) jaghmel referenza diretta ghas-subinciz wiehed (1). Din il-Qorti thoss illi ghandha taghti ezempju semplici f'dan ir-rigward sabiex ikun facli li twassal il-messagg taghha: *Jekk persuna tiekol frott mir-recipjenti l-blu u l-hamra ser timrad. Ghalhekk persuna tista' timrad kemm jekk tiekol il-frott biss mir-recipjent l-ahmar, kif ukoll jekk tiekol il-frott biss mir-recipjent il-blu. Persuna ma tridx tiekol miz-zewg recipjenti biex timrad!* Ghaldaqstant, b'analogija, jekk persuna tistab hatja li kisret <u>xi dispozizzjonijiet</u> tal-Artikoli 15A u 15B, allura jsegwi illi m'hemmx bzonn li tinstab htija kemm taht l-Artikoli 15A u 15B tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex ikun jista' jigi applikat l-Artikolu 15H(2) tal-istess Kap. Ghalhekk stante li l-appellant nstab hati taht l-Artikolu 15A tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta, allura l-Artikolu 15H(2) ghandu jigi applikat ukoll.

Ghaldaqtant, in vista tas-suespost, din il-Qorti qeghda **tichad** l-ewwel aggravju fl-ewwel lok (ittra A), fit-tieni lok (ittra B), fit-tielet lok (ittra C) u fir-raba' lok (ittra D) u tilqghu in parte u cioe' fir-rigward ta l-hames lok (ittra E).

Permezz **tat-tieni aggravju**, l-appellant qed jghid illi hemm nuqqas gravi ta' fatti li jwasslu b'mod univoku ghar-reat hekk kif provdut fl-Artikolu 95 tal-Kodici Kriminali. Dan l-Artikolu jipprovdi hekk:

> *'95. (1) Kull min, f'kull kaz iehor mhux imsemmi fl-ahhar zewg artikoli qabel dan, jingurja, jew jhedded, jew jaghmel offiza fuq il-persuna ta' wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li jkun jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz, jehel, meta jinsab hati, il-piena stabbilita ghall-ingurja, ghat-theddid jew ghall-offiza, meta jsiru minghajr ic-cirkostanzi msemmijin f'dan l-artikolu, mizjud bi grad.'*

Skond il-gurisprudenza taghna, dan ir-reat huwa wiehed ta' oltragg jew ingurja specjali jew delitt li huwa differenti mill-hekk imsejha ingurja komuni jew ingurja kontravvenzjonali u dan kif traccjat fis-sentenzi **Il-Pulizija vs Emmanuele Cassar** App Krim 12/12/1936; **Il-Pulizija vs Frank Attard** App Krim 29/12/1958; **Il-Pulizija vs Emanuel Pace** App Krim 30/4/1993; **Il-Pulizija vs Mario Cuschieri** App Krim 17/10/1997; **Il-Pulizija vs Carmel Farrugia** App Krim 16/2/1998; **Il-Pulizija vs Joseph Fenech** App Krim 25/2/1999; **Il-Pulizija vs Joseph Zahra** App Krim 9/9/2002; **Il-Pulizija vs Josianne Bonello** App Krim 16/1/2003; **Il-Pulizija vs Dr. Alfred Grech** App Krim 10/9/2007 u **Il-Pulizija vs Silvio Buttigieg** App Krim 16/7/2010. Minn ezami ta' dawn is-sentenzi jokkorri l-konkorrenza ta' hames elementi. L-allegat kliem jehtieg li jkun sar:

**a) Lil wiehed li ghandu l-kwalifika ta' ufficcjal pubbliku;**
**b) Officio durante vel contemplatione officii;**

**c) De visu;**

**d) Li jkun fil-fatt ingurjuz; u**

**e) Animo iniuriandi.**

L-ewwel element certament ma jirrikjedi ebda konsiderazzjoni ghajr li PC 112 u PC 1456 huma ufficjali tal-Pulizija u ghalhekk persuni inkarigati minn servizz pubbliku. It-tieni element jirrigwardja li l-att ikun sar waqt il-qadi tad-dmirijiet tal-ufficjali tal-pulizija jew minhabba li l-pulizija tkun qdiet dmirijieta. It-tielet element jirrikjedi illi l-injurja u/jew it-theddida jigu pprofferiti fil-presenza ta' l-ufficjal in kwistjoni, ossia de visu u ghalhekk f'dan il-kaz fil-prezenza ta' PC 112 u PC 1456. Ir-raba' element jirrikjedi li f'dan il-kaz il-kliem ikun ingurjuz u skond il-hames element ikun intqal sabiex inaqqas il-gieh, f'dan il-kaz tal-pulizija sucitati. Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Amante Camilleri**[47] gie ritenut hekk fuq l-ahhar zewg elementi:

> *'Inoltre hemm bzonn li l-kliem (jew gesti, kitba, disinji, ecc.) jkunu fil-fatt ingurjuzi, kif ukoll hemm bzonn l-element formali li jikkonsisti fl-intenzjoni li wiehed joffendi ufficjal pubbliku. Hemm kazijiet li fihom l-element morali (formali), cjoe` dana l-animus injuriandi, jigi presunt, u dana jsir meta l-kliem ikunu per se ingurjuzi u tali li wiehed ghandu ragonevolment jirritjeni, fl-assenza ta' prova in kuntrarju, li ntqalu bil-hsieb li l-persuna li ghaliha dawk il-kliem kienu diretti tkun ingurjata, cjoe` bil-hsieb li jintilef jew jitnaqqas il-gieh ta' dik il-persuna. Jekk, pero`, il-kliem ma jkunx per se u mad-daqqa t'ghajn ingurjuz, trid issir indagini biex wiehed jistabilixxi jekk il-prosekuzzjoni ppruvatx sal-grad li trid il-ligi f'materja penali li dawk il-kliem intqalu f'cirkostanzi u b'tali mod li kienu ingurjuzi ghall persuna li lilha kienu diretti u ntqalu mill-agent bl-intenzjoni li joffendu. Fi kliem iehor, anke jekk il-kliem ikun per se u mad-daqqa t'ghajn ingurjuz, jista' jaghti l-kaz li jkunu ntqalu mhux bl-intenzjoni li joffendu izda, per ezempju, b'cajta (animus jociandi) jew filwaqt li l-*

[47] Deciza minn din il-Qorti kif diversament ippreseduta nhar is-17 t' Ottubru, 1997.

*agent ikun qieghed legittimament jipprotesta kontra xi agir partikolari (animus reclamandi). Ghalhekk jekk il-Qorti tkun sodisfatta li l-hsieb tal-agent ma kienx li jingurja izda li jaghmel rimostranza, jigi nieqes dan ir-reat. Tali protesta, izda, certament ghandha l-limiti taghha; il-kliem li jinghad u specjalment il-mod kif jinghad ghandu jkun limitat sabiex titwassal dik il-protesta, b'mod ghalhekk li f'kaz ta' eccess ma jkunx jista' jibbenefika mid-difiza li dan il-kliem ikun intqal minnu animus reclamandi.'*

Mill-*bodycam footage*, jirriżulta ċar li l-pulizija kienu bl-uniformi u li kienu qegħdin fil-waqt li jaqdu s-servizz pubbliku devolut lilhom. Ma hemmx dubju għalhekk li l-appellant kien jaf li dawn kienu pulizija u li kienu qed jaqdu dmirijiethom. L-appellant instema diversi drabi jghid lil pulizija li ser icempel lil Bjorn/Byron[48] u cioe' l-Ministru li tahtu jaqa' l-Korp tal-Pulizija. L-appellant ghajjar ukoll lill-pulizija bil-kliem '*a liba*'.[49] Dan l-agir jinkwadra ruħhu perfettament f'dak il-komportament sanzjonat taht l-Artikolu 95 tal-Kodici Kriminali. In oltre, l-appellant jinstema wkoll jghid lis-siehba tieghu darbtejn il-kliem '*you wait and see*' [50] b'referenza ghall-istess pulizija. L-appellant isostni illi l-hames elementi msemmija *supra* ma jissustixxux b'mod specjali l-hames element tal-*animo injurandi*. Madankollu, din il-Qorti ma taqbilx ma dak li qed isostni l-appellant u dan anke in vista tac-cirkostanzi li kliem sucitati ntqalu fihom.

Ghaldaqstant, din il-Qorti qeghda **tichad** it-tieni aggravju tal-appellant.

**__It-tielet aggravju__** tal-appellant huwa dwar l-piena mposta mill-ewwel qorti u cioe' li ma kellux jinghata sentenza ta' prigunerija sospiza u piena ta' €2,500 u minflok kellu jkun liberat bil-kundizzjoni li ma jwettaqx reat iehor. Illi skond l-Artikolu 419(1) tal-Kodici Kriminali, ir-rikors, barra mill-indikazzjoni komuni għall-atti ġudizzjarji, għandu jkun fih, - (a) il-fatti fil-qosor; (b) ir-raġunijiet tal-appell; (ċ) **__it-talba għat-taħsir__**

[48] Fost drabi ohra jinstema jaghmel dan fil-hin 2:11:39 u 2:11:43.
[49] Fost drabi ohra jinstema jaghmel dan fil-hin 02:10:55.
[50] Dan b'referenza ghall-filmat fil-hin 02:16:01.

**jew għat-tibdil tas-sentenza tal-qorti inferjuri**. Ghaldaqstant, stante li talba f'dan is-sens ma saritx din il-Qorti sejra tichad dan l-aggravju.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qeghda tichad l-ewwel aggravju fl-ewwel lok (ittra A), fit-tieni lok (ittra B), fit-tielet lok (ittra C) u fir-raba' lok (ittra D) u tilqghu in parte u cioe' fir-rigward tal-hames lok (ittra E). In oltre, qeghda tichad ukoll it-tieni u t-tielet aggravji mressqa mill-appellant. Illi ghaldaqstant din il-Qorti qeghda tikkonferma fejn l-ewwel Qorti sabet htija tal-ewwel (1), it-tielet (3), is-sitt (6) u t-tmien (8) imputazzjonijiet, izda thassar fejn sabet lill-appellant hati tas-seba' (7) imputazzjoni u tilliberah minnha. Madankollu, stante li l-ahhar aggravju qieghed jigi michud, il-piena mposta mill-Ewwel Qorti qeghda tigi kkonfermata fl-intier taghha. Tikkonferma dik il-parti tas-sentenza moghtija mill-ewwel qorti fejn illiberat lill-appellant mit-tieni u mir-raba akkuza.

**Consuelo Scerri Herrera**
**Imhallef**

**Maria Grech**
**Deputat Registratur**